Vol 42
Nru 211
Jannar - Marzu 2021

# L-ART Imqaddsa

RIVISTA BIBLIKA



# L-Art Imqaddsa

Rivista Biblika
li toħroġ kull tliet xhur
mill-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa tal-Provinċja
Franġiskana Maltija

EDITUR:
P. Twanny Chircop OFM
Kummissarju
tal-Art Imqaddsa

BORD EDITORJAL:
P. Marcello Ghirlando OFM
P. Noel Muscat OFM
Mr. Louis Casha

DISTRIBUZZJONI:
Fra. Lorrie Zerafa OFM

ABBONAMENT:
€10 fis-sena
€15 jew aktar Sostenitur

Kummissarjat
tal-Art Imqaddsa
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta.
Tel: 2124 2254

DISINN U STAMPAR:
Best Print Co. Ltd



Il-Materjal kollu li jidher
f'din ir-Rivista
huwa Copyright ©
tal-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa u l-Edizzjoni
TAU, 2021



comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

Qoxra Quddiem:
*L-Għar Knisja*
*tal-Annunċjazzjoni f'Nazaret*


## Werrej




6





15





19



24

6 L-Għar-Knisja Talannunċjazzjoni tal-Verġni Marija f'Nazaret

15 Ġuda l-Iskarjota Appostlu u Traditur

19 Ġeremija għand il-Fuħħari (Ġer 18, 1-5) (1)

24 Ħjiel ta' Ġografija Biblika

37 "Wikkiel u Sakranazz"(Lq 7:34): It-Tema Tal-Ikel Fl-Evanġelju Skont San Luqa



37

# Editorjal

ta' Patri Twanny Chircop ofm



## Il-Kummissarji tal-Art Imqaddsa ilhom jeżistu 600 sena

Fit-2 ta' Frar, festa tal-Preżentazzjoni tal-Mulej, il-Papa Franġisku kiteb b'idejh stess ittra li bagħat lil P. Francesco Patton OFM, Kustodju tal-Art Imqaddsa. Fl-Ittra l-Papa ried jifraħ lill-Kustodja tal-Art Imqaddsa fl-okkażżjoni tas-600 anniversarju minn meta twaqqfu l-Kummissarji tal-Art Imqaddsa permezz tal-Bulla *His quae pro ecclesiasticarum* tal-Papa Martinu V, datata 14 ta' Frar 1421, illum imħarsa fl-Arkivji tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa f'Ġerusalemm. L-Ittra tal-Papa Franġisku tgħid hekk:

"Vatikan, 2 ta' Frar. Għażiż ħija. Fl-14 tax-xahar infakkru s-600 sena mill-istituzzjoni tal-Kummissarji tal-Art Imqaddsa permezz tal-Papa Martinu V. Wara dawn is-sekli kollha l-missjoni tal-Kummissarji tibqa' dejjem attwali: dik li twieżen, tippromwovi, tivvalorizza l-missjoni tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa billi tagħmel l-almu tagħha biex jinħolqu relazzjonijiet ekkleżjali, spiritwali u karitattivi li għandhom bħala ċentru l-art li fiha għex Ġesù. Jiena nsostni u nbierek dan is-servizz prezzjuż u nawgura li jista' jkun dejjem aktar żerriegħa ta' fraternità. Lil kulħadd inwassal il-barka tiegħi, u nitlobkom biex, jekk jogħġobkom, ma tinsewx titolbu għalija. Fraternament, Francesco."

Minn dati storiċi jirriżulta li, lejn tmiem is-seklu 14, il-Franġiskani tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa kienu organizzaw



Ittra Papa Francesco



*...editorjal*

*Papa Frangisku Gerusalemm 2014*

sistema ta' għajnuna finanzjarja lill-istess missjoni, billi kellhom prokuraturi lajċi f'diversi bliet Ewropej li kienu jiġbrulhom il-fondi u jibgħatuhom fl-Art Imqaddsa. Din il-figura tal-Prokuratur tiġi qabel dik tal-Kummissarju. Hekk nafu li fl-1392 in-negozjant Ruggero Contarini tqabbad mill-Kustodju P. Gerard Chauvet biex ikun prokuratur fir-Repubblika ta' Venezja. Hekk il-Papa Martinu V, fil-Bulla *Salutare Studium* iddefenda l-privileġġi ta' dawn il-prokuraturi biex jiġbru fondi għall-Franġiskani tal-Art Imqaddsa. Din il-figura ta' Prokuratur bil-mod il-mod ġiet sostitwita minn dik tal-Kummissarju, li kien ikun dejjem patri Franġiskan.

Fl-1640 fra Benigno da Genova, Ministru Ġeneral tal-Franġiskani, ordna li kull provinċja tal-Ordni kellha twaqqaf Kummissarjat tal-Art Imqaddsa. F'Malta l-Kummissarjat kien diġà jeżisti mill-1636, fl-ospizju li kien inxtara maġenb il-kunvent, fejn għadu sal-lum. B'hekk nistgħu ngħidu li Malta kienet minn ta' quddiem nett li jkollha Kummissarjat tal-Art Imqaddsa, billi hi kienet f'pożizzjoni privileġġjata bħala port, kif kienu l-Kummissarjati antiki ta' Venezja, Napli u Palermo. Kienu ħafna dawk il-missjunarji li kienu jieqfu Malta biex jistennew ġifen li jeħodhom lejn Candia (Kreta) jew Ċipru, u mbagħad lejn il-portijiet tal-Libanu u tal-Palestina, jiġifieri Tir, Sidon, Akri jew Ġaffa, li minnhom kienu mbagħad jistgħu jilħqu Ġerusalemm u l-Postijiet Imqaddsa. Mhux biss, imma fil-kunvent Ta' Ġieżu tal-Belt Valletta, fejn jinsab il-Kummissarjat, matul is-seklu 18 twaqqfet skola tal-Għarbi, li fiha għallmu diversi Franġiskani Maltin li kienu esperti fl-Għarbi, u li kienu jgħallmu fil-kulleġġ ta' San Bartolomeo all'Isola u f'dak ta' San Pietro in Montorio, f'Ruma. Dawn il-professuri tal-Għarbi ħallewlna manuskritti prezzjużi li għadhom imħarsin fl-Arkivji tal-Provinċja Franġiskana, u kienu għallmu lil diversi patrijiet li spiċċaw missjunarji fl-Art Imqaddsa, fejn kienu saħansitra kappillani tal-parroċċi tal-Insara Għarab

f'Ġerusalemm, Betleħem, Nazaret, Aleppo fis-Sirja, u Ħarissa fil-Libanu.

Il-Kummissarju tal-Art Imqaddsa f'Malta kellu dejjem rwol importanti fil-ġbir ta' għajnuna għal din il-missjoni. Sa minn żmien l-Ordni ta' San Ġwann daħlet id-drawwa li l-Kummissarju jmur personalment idur il-parroċċi fl-irħula u l-bliet ta' Malta biex jagħmel il-ġabra hekk imsejħa "tal-Qabar ta' Kristu." Din il-ġabra, li l-Knisja ilha torganizzaha fid-djoċesijiet kollha nhar il-Ġimgħa l-Kbira, f'Malta kienet ħadet din il-bixra partikulari li fiha l-Kummissarju jmur personalment fil-parroċċi matul diversi Ħdud tas-sena, biex hekk ikellem lill-insara dwar din il-missjoni u jħeġġiġhom joffru l-għajnuna tagħhom għall-insara li jgħixu fl-Art Imqaddsa u għall-patrijiet Franġiskani fil-kura li jieħdu tas-Santwarji tal-Fidwa.

Matul is-sekli din il-ħidma żviluppat u fi żminijiet reċenti nfirxet f'diversi oqsma ta' ħidma b'risq din il-missjoni. Dan għaliex id-dmirijiet tal-Patri Kummissarju tal-Art Imqaddsa jinkludu diversi aspetti. (1) Il-Kummissarju hu l-animatur tal-missjoni tal-Art Imqaddsa f'isem il-Kustodju fil-pajjiż jew provinċja li fihom jgħix, u hu għandu d-dmir li jxerred informazzjoni dwar l-Art Imqaddsa b'kull mezz, inklużi mezzi ta' pubblikazzjoni u l-użu tal-mass media. (2) Il-Kummissarju hu r-rappreżentant uffiċjali tal-Kustodju biex jiġbor fondi u għajnuniet u jibgħathom fil-missjoni tal-Art Imqaddsa, bl-iskop li l-Kustodja tkun tista' tkompli l-missjoni tagħha li tieħu kura tas-Santwarji u tar-restawr tagħhom, li tikkura l-komunità Kristjana lokali bl-azzjoni pastorali, li tipprovdi edukazzjoni (skejjel u boroż ta' studju), abitazzjoni (bini ta' appartamenti), opportunitajiet ta' xogħol fl-attivitajiet tagħha, lill-Insara li jgħixu fit-territorji tal-missjoni. (3) Il-Kummissarju jgħin lill-Kustodja billi janima pellegrinaġġi u jħeġġeġ lill-Insara jżuru l-Postijiet Qaddisa, u jakkumpanjahom hu, jorganizza korsijiet u attivitajiet oħrajn ta' formazzjoni biblika dwar l-Art Imqaddsa. (4) Il-Kummissarju hu l-leħen tal-Kustodja fi ħdan il-Knisja lokali li fiha jgħix, bil-kuntatti tiegħu mal-isqfijiet, mal-kappillani tal-parroċċi u mal-kleru, u wkoll billi jippromwovi l-attività ta' studji speċjalizzati li tipprovdi l-Kustodja fil-qasam tal-istudji bibliċi u ta' arkeoloġija biblika.

Il-Kummissarjat tal-Art Imqaddsa f'Malta iwettaq din il-ħidma kollha b'mod professjonali u impenjattiv, bil-kollaborazzjoni ta' diversi patrijiet Franġiskani li għexu fil-missjoni tal-Art Imqaddsa jew studjaw fiha. Il-livell għoli ta' formazzjoni li tingħata permezz ta' din ir-Rivista "L-Art Imqaddsa", permezz ta' korsijiet bibliċi, u speċjalment waqt il-pellegrinaġġi, hu prova tal-impenn tal-Patri Kummissarju u l-kollaboraturi tiegħu biex titkompla din it-tradizzjoni hekk antika ta' impenn favur l-Art Imqaddsa.

Biex ifakkar dan l-anniversarju importanti, l-Kustodju tal-Art Imqaddsa, P. Francesco Patton, iċċelebra quddiesa fil-Qabar ta' Kristu nhar it-Tnejn 15 ta' Frar fis-6:30am, u ried li l-Kustodja tiddedika jum ta' talb għall-ħidma prezzjuża tal-Kummissarji li jirrappreżentawha mad-dinja kollha.



# L-GĦAR-KNISJA TAL-ANNUNĊJAZZJONI TAL-VERĠNI MARIJA F'NAZARET

*Noel Muscat ofm*

*Għerien-Knejjes fl-Art Imqaddsa (I)*

Fl-Art Imqaddsa hemm diversi Santwarji li huma mibnijin madwar jew fuq għerien naturali li juru wkoll intervent uman bil-bini ta' gorboġ quddiemhom. Huma xhieda tal-ħajja trogloditika tal-abitanti tal-Palestina ta' żmien Ġesù. Dan kollu m'għandux għax iġegħelna niskantaw, għax nafu li insedjamenti trogloditiċi kienu komuni fir-reġjun tal-Mediterran, inkluż f'pajjiżna, fejn għadna ngħożżu eżempji ta' dawn l-irħula ġo għerien fl-għoljiet u l-irdumijiet. Ma' dawn l-insedjamenti nsibu wkoll fdalijiet ta' postijiet ta' kult taħt forma ta' knejjes fl-għerien, l-aktar meta dawn kienu marbutin ma' komunitajiet monastiċi jew ta' eremiti, jeww inkella, bħal fil-każ tal-Art Imqaddsa, ma' tifkiriet importanti tal-ħajja ta' Kristu u tal-Verġni Marija.

Se nibdew din is-sensiela ta' artikli billi nitkellmu dwar l-għar-knisja tal-Annunċjazzjoni f'Nazaret, li hu meqjum sal-lum bħala l-post fejn il-Verġni Marija kellha t-tħabbira tal-anġlu Gabrijel kif rakkontata minn Luqa 1,26-38. L-għarfien tagħna dwar il-bidu ta' dan is-Santwarju hu possibbli minn studji u riċerki arkeoloġiċi li saru, l-aktar bil-ħidma tal-mibki arkeologu Franġiskan tal-i*Studium Biblicum Franciscanum* ta' Ġerusalemm, Patri Bellarmino Bagatti (1905-1990), li mexxa l-iskavi ta' Nazaret mill-1955 sal-1971.

## L-Għar-Knisja fil-kuntest tar-raħal ta' żmien Ġesù

Għalkemm il-Vanġeli jsejħu lil Nazaret bl-isem ta' *pólis* (belt), nafu mill-iskavi li saru li kienet biss raħal żgħir u insinjifikanti. Il-kliem ta' Natanjel f'Ġw 1,45 jesprimu dan b'mod ċar: "Tista' toħroġ xi ħaġa tajba minn Nazaret?"

San Luqa joffrilna deskrizzjoni topografika tar-raħal meta jikteb: "Meta semgħu dan fis-sinagoga kulħadd imtela bil-korla; qamu, u ħarġuh 'il barra mill-belt, ħaduh fuq xifer



*Ċelebrazzjoni fil-livell tal-għar*

ta' rdum tal-għolja li fuqha kienet mibnija l-belt tagħhom, u riedu jixħtuh minn hemm fuq għal isfel" (Lq 4,28-29). Din id-deskrizzjoni turina li r-raħal ta' Nazaret kien mibni mal-ġenb ta' rdum li taħtu kien hemm wied, mela post ideali li fih kienu jinsabu l-għerien li kienu jiġu utilizzati bħala abitazzjoni għan-nies u l-bhejjem domestiċi.

Il-Vanġeli jitkellmu minn żewġ għerien-djar partikulari fir-raħal. Id-dar ta' Marija, li fiha kienet toqgħod qabel iż-żwieġ tagħha ma' Ġużeppi, u fejn seħħet il-ġrajja tal-Annunċjazzjoni, tissemma b'mod espliċitu f'Lq 1,56: "Marija baqgħet ma' Eliżabetta għal xi tliet xhur, u mbagħad reġgħet lura lejn darha (*eis tòn oikon autēs*). Id-dar ta' San Ġużepp tiġi murija bħala dar distinta minn Mt 1,18: "Marija, wara li tgħarrset ma' Ġużeppi, qabel ma marru joqogħdu flimkien, saret omm bil-ħidma tal-Ispirtu s-Santu."

Mill-Vanġeli naraw kif l-għar-dar ta' Marija hu distint mill-għar-dar ta' Ġużeppi, b'tali mod li matul is-sekli dejjem kienu jeżistu żewġ Santwarji distinti, wieħed iddedikat lill-Annunċjazzjoni u l-ieħor lill-Familja mqaddsa, dejjem fl-istess kuntest ġeografiku tar-raħal ta' Nazaret kif kien fl-1 seklu u kif ħareġ mill-iskavi ta' Patri Bagatti.

In-nies li kienu jgħixu bħala komunità f'dan ir-raħal kienu jinkludu l-qraba ta' Ġesù, hekk li Mt 13,54 jikteb: "[Ġesù] mar lejn pajjiżu. Beda jgħallem fis-sinagoga tagħhom." Jidher ċar li n-nies ta' Nazaret li fihom hu interessat l-evanġelista kienu l-qraba ta' Ġesù. Dawn l-aħwa tal-Mulej (Mt 12,46: "ħutu") huma indikati b'isimhom: "Dan m'huwiex bin il-mastrudaxxa? Ommu m'hijiex dik li jisimha Marija, u ħutu Ġakbu u Ġużeppi u Xmun u Ġuda?" (Mt 13,55). Dawn il-persunaġġi, li jidhru minn xi daqqiet favorevoli għal Ġesù u drabi oħra pjuttost ostili lejh, huma meqjusin li kienu jiffurmaw l-ewwel komunità ta' Lhud-Insara f'Nazaret, għalkemm hu diffiċli li niddistingwuhom b'mod ċar mir-riferimenti għall-ismijiet tagħhom fil-Vanġeli.


*Dehra ta' Nazaret fil-qedem - l-Għajn tar-raħal*

## Il-fonti letterarji tal-ewwel sekli dwar il-komunità Lhudija-Kristjana madwar l-Għar-Knisja tal-Annunċjazzjoni

Il-kitba apokrifa magħrufa bħala *Protovanġelu ta' Ġakbu*, miktuba fit-2 seklu fil-kuntest tal-komunità Lhudija-Kristjana fil-Palestina titkellem dwar Marija u t-tifkiriet tal-Annunċjazzjoni. Hi tqiegħed il-fatt f'żewġ postijiet distinti, fuq l-għajn u fid-dar, imma titkellem minn Ġerusalemm u qatt mill-Galilija, billi ssostni li Marija trabbiet u ġiet ikkonsagrata lil Alla fit-Tempju. Il-komunità Lhudija-Kristjana kellha interess teoloġiku aktar milli storiku. Bl-iżvilupp tal-komunità Ġentili-Kristjana (jiġifieri l-komunità ta' Kristjani li kienu kkonvertew mill-paganeżmu) iż-żewġ fatti jiġu murija l-ewwel fl-għajn tar-raħal (fejn illum hemm il-knisja Griega-Ortodossa ta' San Gabrijel) u fid-dar tal-Verġni Marija, l-għar-knisja tal-Annunċjazzjoni.

Kitbiet oħrajn apokrifi segwew il-*Protovanġelu ta' Ġakbu*, fosthom il-*Vanġelu tal-Psewdo-Mattew*, il-*Vanġelu ta' San Tumas*, u l-i*Storja ta' Ġużeppi l-Mastrudaxxa*. Din tal-aħħar ġejja minn dokument bil-lingwa Kopta u tqiegħed fuq fomm Ġesù r-rakkont tal-mewta qaddisa ta' missieru Ġużeppi. Din il-kitba apokrifa tħallat flimkien ir-rakkont ta' Luqa ma' dak tal-*Protovanġelu ta' Ġakbu*, u turi li, wara li Ġużeppi ġie lura mill-Eġittu fejn kien ħarab mal-Familja Imqaddsa, hu mar joqgħod Nazaret, imma li qabel miet mar jitlob fit-Tempju ta' Ġerusalemm. Miet f'Nazaret fejn ġie midfun fil-qabar tal-familja. It-tradizzjoni ta' "qabar ta' San Ġużepp" għadha murija f'qabar Lhudi *khokim* (għamla ta' forn) li hemm fil-kunvent tas-Sorijiet ta' Nazaret.

Il-"qraba tal-Mulej" kellhom importanza kbira fl-ewwel seklu, kemm f'Ġerusalemm, fejn jissemmew minn Luqa fl-Atti tal-Appostli 1,4, kif ukoll fil-Galilija. F'Ġerusalemm Ġakbu "ħu l-Mulej" ngħata t-tmexxija tal-Knisja sa ma miet martri fis-sena 62, u warajh mexxa l-Knisja Xmun, li miet martri fil-persekuzzjoni ta' Trajanu (98-117).

Fil-każ ta' Nazaret l-istorja tal-komunità jirrakkontaha l-istoriku Eġesippu (115-185), li kien midħla tal-komunità Lhudija-Kristjana tar-raħal, u li jgħid li l-"qraba tal-Mulej" għexu hemmhekk għal madwar żewġ sekli, speċjalment id-dixxendenti ta' Ġuda, wieħed mill-"aħwa" ta' Ġesù. Il-*Kostituzzjonijiet Apostoliċi* (VII,46) jagħmlu minn Ġuda t-tielet isqof ta' Ġerusalemm, u jsejħulu "Ġuda ta' Ġakbu", għalkemm l-istoriku Ewsebju ta' Ċesarija jgħid li t-tielet isqof kien jismu "Iustus".

Kien Eġesippu li tana r-rakkont li wasal għandna



*Il-mewt ta' San Ġużepp - Jacques Stella - Mort de Saint Joseph*

permezz ta' Ewsebju ta' Ċesarija fit-tielet kapitlu tal-*Historia Ecclesiastica*, u li jitratta dwar kif iż-żewġ ulied ta' Ġuda, Zoker u Ġakbu, li kienu bdiewa, tressqu quddiem l-Imperatur Domizjanu (81-96) mixlijin li kienu dixxendenti ta' David. L-Imperatur staqsihom x'kien ix-xogħol tagħhom, u huma wieġbu li kienu bdiewa li kellhom xi għelieqi u wrewh il-kallijiet ta' idejhom bħala prova tax-xogħol iebes ta' bdiewa. L-Imperatur staqsihom dwar Kristu u s-saltna tiegħu, u huma weġbuh li din ma kinetx saltna tal-art imma tas-sema. Fuq dan il-kliem li wera li ma kinux perikolużi għall-istituzzjoni Rumana, Domizjanu tahom il-ħelsien. Eġesippu jgħid li huma saru kapijiet tal-knejjes, u kienu martri u qraba tal-Mulej li għexu sa żmien Trajanu.

Nazaret ma kinetx tidher fil-lista ta' sedi ta' isqfijiet, imma dan għaliex dawn il-listi normalment kienu jsemmu biss l-isqfijiet ġejjin mill-komunitajiet Ġentili-Kristjani. Sant'Epifanju jgħidilna li l-Ebjoniti (setta eretika ta' Lhud-Kristjani) kellhom l-isqfijiet tagħhom, u x'aktarx anke l-komunitajiet ta' Nazarentani. Imma f'Tiberija kien hemm isqof Lhudi-Kristjan, u kien minn hemm li kien il-Konti Ġużeppi ta' Tiberija (c.285 - c.356), esponent importanti tal-komunità Lhudija-Kristjana.

Fost il-"qraba tal-Mulej" jissemma Konon, li miet martri fl-Asja Minuri. Martirizzat waqt il-persekuzzjoni ta' Deċju (249-251) huwa stqarr li kien minn Nazaret fil-Galilija u mill-familja ta' Kristu li lilu kien iqim.

## L-Għar-Knisja tal-Annunċjazzjoni fl-era Biżantina (sekli 4-7)

X'aktarx li f'Nazaret kienet diġà teżisti knisja minn żmien l-Imperatur Kostantinu, li miet fis-sena 337. Il-pellegrina Egeria, li żaret l-Art Imqaddsa fis-sena 384, fid-djarju tagħha ssemmi biss għar kbir fejn kienet għexet Marija u fejn kien hemm altar.

Fl-*Onomasticon*, Ewsebju ta' Ċesarija jikteb: "Nazaret, li minnha Kristu issejjaħ Nażri, u li fiha hemm Nazzareni li llum huma Kristjani, tinsab fil-Galilija,

*Il-Bażilika tal-Annunċjazzjoni*



xi 15-il mil fuq il-lvant tal-Għolja tat-Tabor."

San Ġlormu jsejjaħ lil Nazaret *viculus*, jiġifieri raħal. Ma jsemmi l-ebda knisja, anke jekk nafu li kien jeżisti l-għar-knisja, imma jgħid li Nazaret hi "l-warda tal-Galilija u dik li mantniet lil Kristu" (*nutricola Christi*).

San Epifanju jikteb li Ġesù ġie edukat fil-belt ta' Nazaret "li llum hi raħal, fid-dar ta' Ġużeppi."

Il-Pellegrin ta' Bordeaux, li żar il-Palestina fis-sena 333, wara l-editt ta' Kostantinu, jitkellem mill-bażiliċi li nbnew fil-Lhudija "bi kmand ta' Kostantinu", imma ma jsemmi xejn fil-Galilija. Dan għaliex fil-Galilija kien għad hemm preżenza qawwija Lhudija-Kristjana, filwaqt li l-knejjes Biżantini nbnew fejn kien hemm komunitajiet Ġentili-Kristjani.

L-aħjar deskrizzjoni ta' Nazaret fi żmien il-Biżantini waslitilna mill-Pellegrin Anonimu ta' Piacenza, li żar ir-raħal fis-sena 570. Hu jgħid li d-"dar ta' Marija" kienet ġiet trasformata fi knisja-bażilika (*Domus sanctae Mariae basilica est*). Isemmi wkoll sinagoga tal-Lhud li fiha tgħallem Ġesù tfajjel. Il-fatt li l-għar-knisja kien inbidel fi knisja bażilika juri li għadda f'idejn il-Ġentili-Kristjani, u li dan il-fatt nissel firda bejn iż-żewġ komunitajiet insara ta' Nazaret. L-Anonimu wkoll isemmi r-relikwa tas-sedja ta' Marija li fuqha kienet tinseġ meta ġie għandha l-anġlu, kif jirrakkonta l-*Protovanġelu ta' Ġakbu*. Imma din ir-relikwa jsemmiha mhux f'Nazaret imma fil-belt ta' Sefforis, ftit mili bogħod. Ma jgħid xejn dwar id-"dar ta' San Ġużepp", imma dan ma jfissirx li ma kinetx teżisti, għax forsi kienet għadha f'idejn il-Lhud-Kristjani u għalhekk l-Anonimu ma jsemmihiex. Il-komunità Lhudija-Kristjana tkeċċiet definittivament minn Nazaret wara s-sena 630 mill-Imperatur Biżantin Heraclius, li kien sema' kemm il-Lhud kienu ppersegwitaw lill-Kristjani waqt l-invażjoni tal-Persjani tas-sena 614, meta nqerdu ħafna knejjes Biżantini.

Mis-sena 638 nidħlu fl-ewwel perjodu ta' ħakma Islamika fil-Palestina. Billi l-oġġett tar-riflessjoni tagħna hu l-għar-knisja tal-Annunċjazzjoni, nerġgħu nirritornaw għalih b'attenzjoni akbar, biex naraw f'liema sens nistgħu nsejħulu "għar-knisja" f'dan l-ewwel perjodu li fih kien proprjetà tal-komunità Lhudija-Kristjana.

## L-Għar-Knisja jew Grotta tal-Annunċjazzjoni

L-iskavi mwettqin minn Patri Bellarmino Bagatti tawna ż-żona arkeoloġika li naraw illum inglobata fil-Bażilika tal-Annunċjazzjoni. Dawn l-istrutturi arkeoloġiċi huma marbutin ma' tliet binjiet sovrapposti, jiġifieri l-fdalijiet ta' knisja-sinagoga quddiem l-Għar li jindika d-dar ta' Marija u l-post tal-Annunċjazzjoni, il-fdalijiet ta' knisja Biżantina fuq ix-xaqliba tan-nofsinhar tal-Għar, u l-ħitan tal-knisja kattidrali Kruċjata mibnija wara li l-Prinċep Tancredi ħa f'idejh Nazaret fl-1102.

Fil-kuntest ta' dak li qegħdin ngħidu dwar l-Għar-Knisja tal-Annunċjazzjoni, iż-żona tal-kult li kienet tinsab eżattament barra mill-Għar imqaddes kienet ċentru tal-komunità Lhudija-Kristjana ta' Nazaret. Għaldaqstant, bħal fil-każ ta' siti oħrajn, bħalma hu Kafarnahum jew iċ-Ċenaklu, l-arkeoloġi jitkellmu minn binja li kienet pjuttost sinagoga Lhudija-Kristjana aktar milli knisja. Fil-fatt, il-kelma knisja tindika binja li tmur lura għall-era Biżantina. Fl-ewwel 3 sekli tal-Kristjaneżimu, il-postijiet tal-kult insara fil-Palestina kellhom struttura sempliċi ta' dar-knisja (*domus ecclesia*), li fil-każ tagħna rajna li kienet ukoll għar-knisja, jiġifieri struttura ta' għar naturali abitat li nbidel f'post ta' kult. Ma' dan in-nukleu oriġinali kien jiżdied spazju akbar għall-komunità, li billi kienet ġejja minn matriċi Lhudija, kienet tesprimi l-binja tal-ġemgħa taħt il-forma tipika ta' sinagoga. Insejħulha sinagoga-knisja

biex niddistingwuha mis-sinagoga Lhudija normali fejn kienet tiltaqa' l-ġemgħa tal-Lhud li ma kinux ikkonvertew għall-Kristjaneżimu.

Id-dar qaddisa jew għar-knisja tal-Madonna kienet tinsab fuq il-wiċċ tar-rdum li kien jixref fuq il-wied f'direzzjoni mit-tramuntana għan-nofsinhar. Meta nbniet il-knisja-sinagoga quddiem l-għar l-arkitetti kienu mġegħelin li jneħħu l-istruttura tal-ġebel li kienet tinsab quddiem id-dar qaddisa. L-għar-knisja li llum insejħulha l-Grotta tal-Annunċjazzjoni tippreżenta ruħha bħala għar ta' forma pjuttost tonda, li fih għad hemm ħjiel tal-blat oriġinali, li partijiet minnu ġew miksijin minn ġebel. Id-dispożizzjoni attwali tal-għar hi frott tar-restawri li kienu għamlu l-Kruċjati, u allura tmur lura għall-medjuevu. Meta l-Kruċjati riedu jibnu l-bażilika kbira li fadal minnha diversi partijiet, l-aktar il-ħajt u l-pilastri tan-naħa tat-tramuntana, huma riedu jdaħħlu l-Grotta mqaddsa fin-navata tat-tramuntana. Għaldaqstant kellhom bżonn li jweżnuha b'kolonni li għadhom f'posthom sal-lum. Il-fatt li l-Grotta kienet ukoll imwieżna minn pilastru kbir kwadru li kien tqil ħafna jiġi spjegat mill-fatt li fis-saqaf tal-għar tħaffru xi toqob biex minnhom jinżlu l-kolonni tal-granit sal-art biex isaħħu l-istess volta tal-għar.

Il-kamra tal-għar-knisja llum tippreżenta ruħha bħala kamra tonda irregolari, li għandha abside jħares lejn il-lvant. Il-għar hu 5.50 metri mit-tramuntana għan-nofsinhar u 6.14 metri mil-lvant għall-punent.

Deskrizzjoni tajba tal-għar-knisja jew Grotta tal-Annunċjazzjoni jagħtihielna FRANCISCUS QUARESMIUS, *Terrae Sanctae Elucidatio*, Vol. II, Venetiis 1881, Lib. VII, 620: "Qabel xejn hemm l-għar imħaffer fil-blat […] fuq ix-xaqliba tat-tramuntana, nofsinhar u punent hu mwieżen minn ħitan antiki. Fin-naħa tan-nofsinhar hemm l-altar maġġur, dedikat lill-Annunċjazzjoni tal-imqaddsa Verġni Marija. Il-binjiet l-oħrajn saru riċentement wara li rġajna ksibna lura l-Post Qaddis. Quddiem l-altar jew il-volta tal-kappella, kemmxejn lejn in-nofsinhar, wieħed jara żewġ kolonni tar-rħam ta' lewn griż, x'aktarx skuri. L-ewwel kolonna, li tinsab ġewwa l-għar, hi dritta, imma mingħajr bażi, u mdendla mis-saqaf. Hi bogħod mill-kolonna l-oħra xi ħamest ixbar. It-tieni kolonna hi sħiħa u tinsab fin-nofs. Din hi msejħa l-kolonna tal-Verġni Marija, għax hemm il-fidi devota li l-Verġni mqaddsa kienet tinsab f'dan il-post meta l-anġlu ġie jsellmilha [...] Il-kappella għandha forma kwadra; ma tantx hi għolja, u hi miksija bl-istess blat.


*San Epifanju*

Fuq ix-xaqliba tan-nofsinhar hi magħquda ma' kappella oħra, li hi aktar għolja, tawwalija u mibnija b'mod aktar regolari: illum din tissejjaħ il-kappella tal-anġlu."

## Il-Knisja-Sinagoga quddiem l-Għar tal-Annunċjazzjoni

Diġà tkellimna dwar l-importanza tal-komunità Lhudija-Kristjana tal-Galilija u dwar il-postijiet ta' kult li kienu jintużaw minnha. Meta saru l-iskavi quddiem l-għar-knisja tal-Annunċjazzjoni u taħt il-fdalijiet tal-bażilika Biżantina (li tagħha għadna naraw l-abside u ħajt tawwali quddiem l-altar attwali) nstabu diversi elementi li jindikaw li ż-żona ta' taħt il-knisja Biżantina kienet sinagoga-knisja tal-Lhud Insara.

L-istudji tal-arkeoloġi Franġiskani wrew li x'aktarx quddiem il-għar-knisja kienet inbniet kolonnata li kienet tifred is-sinagoga-knisja, fuq livell aktar għoli, miż-żona tal-"kappella tal-anġlu" u tal-Grotta nnifisha,

li kienu jinsabu f'livell aktar baxx. Naturalment din it-teorija hi bbażata fuq evidenza arkeoloġika, imma ma hemmx ċertezza dwar kif kienet jew dwar il-pjanta tas-sinagoga-knisja, li kienet tkopri, bejn wieħed u ieħor, iż-żona li fiha llum hemm l-altar tal-bażilika inferjuri bl-art ta' madwaru.

It-tentattivi li tingħata datazzjoni għas-sinagoga-knisja teħodna lura għal epoka pre-Biżantina li fiha, kif għidna, l-postijiet ta' kult fil-Palestina kienu ta' għamla sinagogali, billi l-komunità Kristjana kienet dik Lhudija-Kristjana.

Rigward id-datazzjoni hu diffiċli li jkollna xi ċertezzi mill-iskavi li saru, billi diversi binjiet, waħda fuq l-oħra, matul is-sekli biddlu għal kollox il-fiżjonomija oriġinali tas-sit. Imma għandna għajnuna f'xhieda mill-isbaħ li jagħtina San Epifanju, Isqof ta' Salamina f'Ċipru (315-403), li kien ġej minn Eleutheropolis (Beth Guvrin), u allura kien mill-Art Imqaddsa. Hu jagħti din ix-xhieda fl-opra tiegħu *Adversus haereses*, datata 374-377.

F'din l-opra Epifanju jintroduċi l-figura ta' Ġużeppi ta' Tiberija, li bil-moħbi fetaħ it-teżori tal-patrijarka Ġuda IV, u flok flus sab il-Vanġelu ta' San Ġwann tradott bl-Ebrajk mill-Grieg oriġinali, l-Atti tal-Appostli u l-Vanġelu ta' San Mattew. Dan kien biżżejjed biex Ġużeppi kkonverta għall-Kristjaneżimu fis-sena 330. Epifanju sar jaf lil Ġużeppi ta' Tiberija f'Scitopoli (Beth Shean). Epifanju jirrakkonta kif dan Ġużeppi, konti ta' Tiberija, rnexxielu jibni knisja żgħira f'Tiberija, u mbagħad mar joqgħod Scitopoli. Isemmi li bena xi knejjes f'Scitopoli u Diocaesarea (Sefforis), imma sal-lum ma nafux fejn kienu.

Li nafu żgur hu li dan Ġużeppi kien attiv fil-każ tal-knisja ta' Kafarnahum. L-arkeologu Franġiskan Virgilio Corbo sab id-"dar ta' San Pietru" f'Kafarnahum, li sa mill-ewwel seklu


*Knisja San Gabrjel Nazareth*

kienet ġiet trasformata f'*domus-ecclesia* mill-Lhud-Kristjani tal-post. Fis-seklu 4, Ġużeppi ta' Tiberija fired id-dar qaddisa mill-bini ta' madwarha u dawwarha b'ħajt li għadna narawh sal-lum taħt il-Memorjal ta' San Pietru. Lejn nofs is-seklu 5, bil-bidla tal-komunità Lhudija-Kristjana fi Knisja ġejja mill-Ġentili-Kristjani, id-dar ta' Pietru ġiet midfuna taħt knisja kbira Biżantina ta' forma ottagonali. Kien taħt il-paviment mużajkat ta' din il-knisja, li l-ħitan tagħha wkoll għadhom jidhru, li nstabu l-fdalijiet tad-dar ta' Xmun Pietru bid-*domus-ecclesia* primittiva.

Dan qed ngħiduh għax f'Nazaret ġara eżattament l-istess bħalma ġara f'Kafarnahum. Il-konservazzjoni tal-għar-knisja jew "dar tal-Verġni Marija" kienet żgurata bil-preżenza tal-"qraba tal-Mulej" li kienu baqgħu jgħixu madwar dan il-post qaddis mhux biss sas-seklu 3, imma saħansitra sat-trasformazzjoni li saret mill-konti Ġużeppi ta' Tiberija li x'aktarx kien dak li ħa l-inizjattiva li jibni s-sinagoga knisja quddiem il-Grotta tal-Annunċjazzjoni.

It-trasformazzjoni tal-għar ċkejken fil-*Martyrium*, li sar ftit wara l-martirju ta' Konon (249-251), li kien wieħed mill-"qraba tal-Mulej", ikompli jixhed għall-preżenza tad-dixxendenti tal-Mulej fid-dar tal-Verġni Marija. Billi sparixxew l-istrutturi tal-ġebel li kien hemm quddiem l-għar-knisja tal-Verġni Marija, ma għandna l-ebda dokumentazzjoni arkeoloġika oħra għall-ewwel 4 sekli ħlief l-istess għerien venerati.

Bl-intervent arkitettoniku li għamel il-Konti Ġużeppi ta' Tiberija tibda l-istorja tal-binjiet sagri madwar il-Grotta tal-Annunċjazzjoni, storja li baqgħet nieżla sa żminijietna. Irridu nuru, iżda, li bħal fil-każ ta' Kafarnahum, il-Konti Ġużeppi ma beniex xi knisja, imma baqa' fidil għat-tradizzjoni Lhudija-Kristjana li joħloq ambjent sagru fuq il-mudell tas-sala tal-komunità jew sinagoga, li kien tipiku fl-ambjent tal-Palestina. Mis-sejbiet arkeoloġiċi qrib il-Grotta venerata, l-aktar is-sejba ta' munita tas-snin 337-350, nistgħu naslu biex niddataw, bejn wieħed u ieħor, il-bini tas-sinagoga-knisja quddiem l-għar tal-Annunċjazzjoni.

Din il-binja sagra, li kienet l-ewwel waħda fis-serje ta' binjiet sagri fil-Post tal-Annunċjazzjoni, baqgħet wieqfa sas-seklu 6, għax fis-sena 570 l-Anonimo ta' Piacenza jikteb li "d-Dar ta' Marija hi llum bażilika" kif jikteb dwar Kafarnahum: "Wasalna Kafarnahum fid-dar tal-imqaddes Pietru, li illum hi bażilika." Kif diġà għidna, l-kelma "bażilika" tindika tip ta' binja sagra aktar familjari għalina, forma ta' knisja, b'navata ċentrali u navi laterali, b'kolonnat u presbiterju għoli. Din il-binja kienet frott ta' Knisja ġejja mill-Ġentili-Kristjani li, fl-era Biżantina rnexxielhom jaffermaw ruħhom b'mod stabbli fil-Palestina għad-detriment tal-Lhud-Kristjani li kienu ħarsu t-tifkiriet għeżież tal-fidwa matul l-ewwel sekli tal-Kristjaneżimu.

## Riferenzi:


B. BAGATTI, *Excavations in Nazareth.* Vol. I *From the Beginnings till the XII Century*, Trans. E. HOADE, Franciscan Printing Press, Jerusalem (Collectio Maior, No. 17) 1969;

V. CORBO, *La Chiesa-Sinagoga dell'Annunziata a Nazaret*, in *Liber Annuus* XXXVII (1987), 333-348;

D. PRINGLE, *The Churches of the Crusader Kingdom of Jerusalem. A Corpus*, Vol. II L-Z (excluding Acre and Tyre), Cambridge University Press 1998, No. 169-173;

H. FÜRST - G. GEIGER, *Terra Santa. Guida Francescana per Pellegrini e Viaggiatori*, Edizioni Terra Santa, Milano 2017, 103-116.



# ĠUDA L-ISKARJOTA APPOSTLU U TRADITUR

*Fr Charles Buttigieg*

Fit-Testment il-Ġdid insibu erba' listi ta' l-ismijiet ta' l-Appostli, dejjem maqsumin fi tliet gruppi ta' erbgħa. Dawn l-ismijiet insibuhom f'Mattew 10:2-4; f'Mark 3:16-19; f'Luqa 6:14-16 u fl-Atti ta' l-Appostli 1:13. San Ġwann fir-raba' evanġelju ma jagħti l-ebda lista, iżda jsemmi 'it-Tnax' darbtejn f'6:67 u f'20:24 u jagħtina ħafna tagħrif dwar l-appostli. Ġuda l-Iskarjota huwa dejjem imsemmi f'dawn il-listi tal-appostli li nsibu fl-erba' evanġelji.

Ġuda l-Iskarjota *iskariotes* bin Xmun, li aktarx kien minn Keriot, qrib Ħebron fin-nofsinhar tal-Ġudeja. L-appostli l-oħra l-għaxra li huma kienu però mill-Galileja. Hemm minn jorbot Keriot ma' Khirbet el-Qarjatejn tal-lum, illum jorbtuha mar-raħal fil-Wied ta' Qedron f'Ġersualemm. Oħrajn isostnu li Ġuda kien marbut maż-żeloti, aktarx mal-moviment nazzjonalist Lhudi *sicarii*. Il-kelma *sicarius* tfisser 'bniedem tas-sikkina'. Fil-fatt hemm min isostni li Ġuda kien diżappuntat għax ra li Ġesù ma daħħalx fil-pjan tiegħu bħala żelota għall-ħelsien politiku u militari ta' pajjiżu. Iż-żeloti mmexxija minn Ġuda ta' Gamala bin Sariphaeus, il-qassis il-kbir Mattija (Teudas) bin Margalothus u Saddok il-Farizew kienu mexxew rewwixta fis-sena 6 W.K.

Fis-sena 66 W.K huma mmexxija minn Xmun ta' Ghiora u Ġwanni ta' Ghiskala, qajmu rewwixta kbira f'Ġerusalemm kontra l-prokuratur ruman Gessio Floro taħt Vespażjanu li wassal għall-qerda tal-belt fis-sena 70 taħt Titu. Dak in-nhar ħafna nsara kienu ħarbu lejn Pella fil-Ġordanja. Fis-sena 73 W.K. 960 żelota ngħalqu ġewwa l-fortizza Erodjana ta' Masada fl-għoljiet tal-Ġudeja u ppreferew joqtlu lilhom infushom milli jaqgħu taħt ir-Rumani. Baqgħu ħajjin żewġ ommijiet u ħamest itfal.

Rewwixta oħra kienet qamet fis-sena 132 permezz ta' Shimon ben Kossiba (Bar Kokhba, iben il-Kewkba) fejn kienu mietu madwar 850,000 ruħ fejn Ġerusalemm bdiet tissejjaħ *Aelia Capitolina*.

Ġuda kien jieħu ħsieb il-kaxxa tal-flus tal-appostli. Ittradixxa lil Kristu għal tletin biċċa tal-fidda (ara Mt 26:14-16). Ġuda kien diġà telaq x'ħin Ġesù waqqaf l-Ewkaristija fl-Aħħar



Ċena, u għalhekk ma kienx preżenti għat-twaqqif tal-Ewkaristija. Kien ix-xitan li webblu jagħmel dan kollu (ara Ġw 13:2 u Lq 22:3). Hemm min jgħid li l-intenzjoni primarja tiegħu ma kinetx sabiex jittradixxi lil Ġesù, imma għamel dan għaliex kien jemmen tassew li Ġesù seta' jirbaħ u jaħrab mill-ħażen tal-Lhud. Imma x'ħin ra verament li Ġesù sejjer tassew għall-passjoni huwa biddel fehemtu.

Miet iddisprat minħabba f'dak li għamel billi tgħallaq fl-għalqa tal-fuħħari *Hakel Dama* jiġifieri l-Għalqa tad-Demm (ara Matt 27:3-8 u Atti 1:7). L-Atti jgħid li Ġuda qabeż għal rasu u nqasam minn nofsu (ara Atti 1, 18-19). Papias jgħid li Ġuda marad u l-ġisem tiegħu ntefaħ enormement. Xi biblisti jorbtu dan kollu u jsostnu li l-ġisem imdendel għal diversi ġranet ma' siġra beda jintefaħ u jiddekomponi ruħu u fejn fl-aħħar il-ħabel ċeda u l-katavru mejjet waqa' u nqasam mal-art.



Fis-7 ta' April 2006, ġie ppreżentat manuskritt fil-Maecenas Foundation for Ancient Art fl-Iżvizzera, li fih il-kitbiet apokrifi: tal-Ewwel Apokalissi ta' Ġakbu; l-Ittra ta' Pietru lil Filippu; Ktieb ta' Allogenes, ereżjarka tat-tielet seklu W.K.; u l-Vanġelu ta' Ġuda l-Iskarjota. Dan il-manuskritt bil-lingwa Kopta jinsab fil-Codex Tchacos u kien nstab l-Egittu fl-1970. Uħud ħasbu li dan il-Vanġelu ta' Ġuda miktub mill-injostiċi qabel is-sena 180 W.K., kien xi skoperta ġdida; iżda fil-fatt kien diġà u mill-ewwel ikkundannat minn Sant' Irinew fit-tieni seklu W.K. (ara Adv. Haer. I 31,1). Għalhekk mela quddiem din il-kitba apokrifa wieħed irid

joqgħod ħafna attent qabel jiġi biex japplika l-kontenut tagħha

## Bibliografija


Bauckham, R., "The study of gospel traditions outside the canonical gospels: problems and prospects", in *Gospel perspectives* V, Sheffield 1985, 369-403.

Cameron, R., *The Other Gospels: Non-Canonical Gospel Texts*, Philadelphia (PA) 1983.

Gordon, A.B., "The fate of Judas according to Acts 1:8", in *The Evangelical Quarterly*, 97-100.

Koester, H., *Ancient Christian Gospels: Their History and Development*, London – Philadelphia (PA) 1990.

Meynet, R., *Jésus Passe. Testament, Jugement, Exécution et Résurrection du Seigneur Jésus dans les* évangiles *synoptiques*, Rhétorique Biblique 3, Roma – Paris 1999.

Saari, A.M.H., *The many deaths of Judas Iscariot: A meditation on Suicide*, London 2006.






# ĠEREMIJA GĦAND IL-FUĦĦARI (ĠER 18, 1-5) (1)

*Mons Lawrenz Sciberras*

Il-ktieb tal-profeta Ġeremija, l-bniedem li tant bata, ġie imwarrab u miċħud minn niesu stess iservi biex faċilment wieħed jasal għand Ġesù. Meta Ġesù staqsa lid-dixxipli tiegħu: "Min igħidu n-nies li hu Bin il-Bniedem? U huma weġbuh: Xi wħud, Ġwanni l-Battista; oħrajn Elija; u oħrajn Ġeremija jew wieħed mill-profeti" (Mt 16,13-14). Ta' min jinnota li fost il-personaġġi li ġew imsieħba ma' Ġesù ħafna mill-qrib hemm il-figura ta' Ġeremija, u mhux il-kbir Isaija, Eżekjel jew xi wieħed mill-profeti l-oħra!

Kiteb ħafna sew il-patri Alonso Schökel fid-daħla tiegħu għall-ktieb dwar Ġeremija li "ma hemm ebda profeta ieħor li joffri tant dettalji dwar ħidmietu ħajtu u tbatijietu daqs il-profeta Ġeremija". U minħabba dan kollu, l-ktieb ta' Ġeremija li fih tnejn u ħamsin kapitlu, it-tieni wieħed wara Isaija li fih sitta u sittin kapitlu, joffri ħafna okkażjonijiet ta' riflessjoni u tagħlim utli anke għal żminijietna.

## Għand il-fuħħari

Ix-xogħol tal-ħdim fuq it-tafal għadu jsir naturalment fil-belt il-qadima ta Ġerusalemm. Ir-raġel, il-fuħħari, jaqbad biċċa tafal ratba, jqegħedha fuq ir-rota u b'sieqũ jibda jdawwar l-injama li fuqha ikun hemm it-tafal. Imbagħad



b'subgħajh, aktarx il-kbir u l-werrej taż-żewġ idejn, jibda jagħti l-forma lil dik il-biċċa tafal. Jekk l-oġġet ma jogħġobx lill-fuħħari, hu jerġa' jitfa' l-biċċa tafal ġol-barmil mimli tafal artab. Dan ix-xogħol rajtu jsir tmienja u erbgħin sena ilu dejjem fil-belt il-qadima ta' Ġerusalemm.



Issa il-profeta fuq ordni diretta ta' Alla mar għand il-fuħħari. Ma marx minn jeddu:

> *"Il-kelma li ġiet lil Ġeremija mingħand il-Mulej u qallu: "Qum u inżel għand il-fuħħari: u hemm jiena nsemmgħek kliemi." Jiena nżilt għand il-fuħħari, u sibtu qiegħed jaħdem fuq ir-rota."*

(Ġer 18,1-3).

Minn din is-silta u dak kollu li jkompli jiġi wara jidher sew li theddid serju u aħrax kien jinsab imdendel fuq il-belt ta' Ġerusalemm. Fil-fatt fil-vers ħdax naqraw hekk: "Arawni, jien qiegħed inħejji ħsara għalikom u nfassal pjan kontrikom". Mela ż-żmien ta' din it-theddida huwa l-attakk feroċi minn Nabukodonosor fis-sena 587. Nistgħu naslu biex nikkonkludu kemm kellu żmien Ġeremija: bejn ħamsa u tletin u ħamsa u erbgħin sena.

Din il-verità tkompli tissaħħaħ u tintrabat mil-lista ta' verbi qawwijin wara xulxin. "Hekk Jien xi drabi naqtagħha li poplu jew saltna naqlagħha, nġarrafha u neqridha" (Ġer 18,7). Kif ukoll "drabi oħra naqtagħha li poplu jew saltna nibniha u nħawwilha" (Ġer 18,9).

Dawn il-verbi mimlijin azzjoni jaqblu sew ma' oħrajn li qegħdin preċiżament fil-bidu tal-ktieb tal-profeta msemmi. L-ewwel hemm azzjoni simbolika ġejja min-naħa ta' Alla, fejn l-Mulej imiss fomm Ġeremija. Dritt wara hemm is-sensiela ta' verbi: "Ara, qegħedtlek kliemi fuq fommok. Ara jien illum qegħedtek fuq il-ġnus u s-saltniet, biex taqla' u ġġarraf, biex teqred u tħott, biex tibni u tħawwel" (Ġer 1, 9-10). Hawn għandna erba' verbi fin-negattiv u tnejn fil-pożittiv.

Tradizzjonalment dawn huma verbi biex jindikaw u juru liema kellha tkun il-missjoni ta' Ġeremija. Waħda iebsa u ta' sogru kbir tassew għal ħajtu.

## Xempju ta' qawwa

Din is-silta tidher quddiemna kif probabbilment għexha Ġeremija nnifsu.

 

Għalhekk hija nieqsa minn deskrizzjonijiet ċari u dettaljati ħafna! Wara aktar minn 2500 sena, wieħed għadu jħoss il-qawwa drammatika tal-esperjenza kera u iebsa li minnha għadda Ġeremija. Huwa stess kellu jħabbar ġejjieni ikrah u mdallam tassew għall-belt il-qaddisa - Ġerusalemm.

U ta' dan il-profeta tħallas tassew bi prezz qares ta' ħajtu stess. Minkejja dak li għamel biex jiftaħ beraħ għajnejn il-poplu. "U ħadu lil Ġeremija u xeħtuh fil-bir ta' Malakija, bin is-sultan li kien fil-bitħa tal-għassa; mbagħad lil Ġeremija niżżluh bil-ħbula f'dan il-bir; ilma ma kienx fih, imma ħama biss; u Ġeremija għodos fil-ħama" (Ġer 38,6).

Interessanti kif dan kollu sar u ġie mmudellat fuq ix-xempju tal-fuħħari li jaħdem fuq ir-rota. Din sa ftit snin ilu kienet xena komuni sew qalb it-toroq dojoq u mserpin tal-belt il-qadima. Xeni bħal din għadek issibhom ukoll f'Ħebron il-belt tal-patrijarki u tal-matrijarki. Ġeremija jiffissa ħarstu fuq ħaddiem it-tafal, josservah sew u bil-mod il-mod fehem li l-istess xorti tat-tafal tista' tmiss ukoll lill-belt flimkien man-nies li qegħdin jgħixu fiha! Kemm-il darba t-tafal jiqaflu lill-fuħħari, allura jwarrbu u jerġa' jixħtu ġol-barmil mimli tafal minn fejn ġabu. Jekk imbagħad, dik il-biċċa tafal titħalla li tinħadem, il-fuħħari jagħmilha u jagħtiha l-forma ta' ġieħ kif jixtieq hu.

Issa tmiss ma' din il-ġrajja tal-fuħħari u t-tafal hemm il-pass l-ieħor spiritwali li huwa t-tokk ta' din ix-xena tant suġġestiva: "Bħalma hu t-tafal f'idejn il-fuħħari, hekk intom f'idejja dar ta' Israel" (Ġer 18,6b). Interessanti li dan il-ħsieb ta' telqa f'idejn il-Mulej, huwa wieħed komuni fil-Bibbja. Hekk il-profeta Isaija: "Jaqaw il-fuħħari jitqies bħat-tafal, biex ix-xogħol jgħid fuq min għamlu: M'hux hu għamilni! U l-fuħħari jgħid fuq il-fuħħari: Ma jifhimx?" (Is 29,16).

Minn dan il-kliem wieħed jinduna li l-ħsieb imur dwar il-ħolqien. Il-bniedem ried iwarrab is-sens li hu kreatura, infixel, ried jaqleb kollox ippretenda li jista' jdur fuq Alla u jgħidlu

kif għandu jagħmel. Dan huwa l-atteġġjament tal-ħlejqa, li tinsa u twarrab li ġiet maħluqa minn Alla u għalhekk twarrbu jekk mhux ukoll tirreżistilu.

Hemm ukoll test ieħor ta' Isaija: "Ħażin għal min jitlewwem ma' min għamlu; bħal xaqqufa ma' min jaħdem it-tajn! Jaqaw jgħid it-tafal lill-fuħħari; x'inti tagħmel!? Jew inkella "xogħlok bla fejda" (Is 45,9).

Din il-metafora tal-fuħħari qiegħda f'partijiet oħra tal-Bibbja, imma taf il-bidu tagħha fil-ktieb tal-Ġenesi 2,7: "Il-Mulej Alla sawwar il-bniedem mit-trab ta' l-art u nefaħlu fi mnifsejh nifs il-ħajja, u l-bniedem sar ħlejqa ħajja" (Ġen 2,7). Hawn hu l-prinċipju veru u reali ta' kull bniedem materja u spirtu! Nefaħlu fi mnifsejh nifs il-ħajja".

L-appostlu San Pawl, it-Testment il-Qadim kien jafu sew. Issa fl-ittra tiegħu lir-Rumani, Pawlu jaqbad din il-metafora tal-fuħħari u jfissirha tajjeb ħafna. "Ja bniedem, int min int biex teħodha ma' Alla? Forsi l-fuħħar jeħodha kontra l-ħaddiem u jgħidlu: "Għaliex għamiltni hekk?" Ma jistax il-ħaddiem tal-fuħħar jagħmel mit-taħlita tat-tafal oġġett ta' ġieħ jew oġġett ta' għajb?" (Rum 9, 20-21).

Il-profeta Ġeremija jitlaq minn fatt eżiżtenzjali; anzi ħaj u li kien qiegħed jarah isir taħt għajnejh. Għalhekk il-profeta seta' jwassal il-konklużjonijiet prattiċi tiegħu. Ġeremija huwa persważ li kull bniedem qiegħed bħat-tafal f'idejn il-fuħħari. Hu jiddeċiedi liema forma jagħti t-tafal, hu jiddeċiedi x'oġġett jippreżenta b'din il-biċċa tafal. Issa f'dan il-każ partikulari l-fuħħari huwa Alla, u t-tafal il-bniedem ta' kull żmien, ġens, u età. Hija metafora ċara daqskemm attwali. Jekk il-bniedem jitħalla li jiġi magħġun u mogħti l-forma minn Alla allura joħroġ oġġett sabiħ u meħtieġ. Jekk għall-kuntrarju t-tafal waqt li jkun qed jinħadem meta jkun fuq ir-rota jirreżisti lill-fuħħari, allura kollox jitkisser u jitfarrak u l-fuħħari jaqbad iċ-ċappa tafal u jarmiha mill-ġdid fil-barmil mimli tafal imċaflas bl-ilma! Ġeremija kien arċi persważ minn dan kollu.

Ġeremija kompla jipperswadi ruħu minn din il-verità għaliex kien qed jara theddid l-aktar serju mdendel fuq il-belt ta' Ġerusalemm u n-nies kollha li kienu jgħixu hemm. Dan kien tassew il-kuntest veru u reali ta' Ġeremija. Il-poplu rreżista 'l Alla u s-sejħat li jagħmillu permezz tal-profeti, u għalhekk ma kienx hemm triq oħra għajr li jkisser it-tafal u jerġa' jibda jaħdmu mill-ġdid. Dan sar tassew għaliex il-poplu Lhudi sofra l-eżilju tal-Babilonja, żmien ta' disperazzjoni, ta' telqa u ta' qtigħ il-qalb ta' krib u tinwieħ. "F'xatt ix-xmajjar ta' Babilonja, hemm qgħadna bilqiegħda u bkejna" (Sl 137,1). "Ah! Kif inhi weħidha, il-belt li kienet tiżgħed bin-nies! Saret bħal armla l-kbira fost il-ġnus! Is-sidt fost l-ibliet, il-ħaraġ ikollha tħallas. Bil-lejl tibki biki tad-demm, dmugħha jġelben ma' ħaddejha." (Lam 1, 1-2). Iżda wara ħamsin sena, fejn il-poplu tnaddaf waħda sewwa spiritwalment, reġa' lura lejn arthu Israel.



Tutmosis III

# ĦJIEL TA' ĠOGRAFIJA BIBLIKA

*Marcello Ghirlando*

## L-Għejun Storiċi għal Ġografija Biblika

Tlieta huma l-għejun storiċi li jistgħu jgħinuna nifhmu aħjar l-istorja ġeografika tal-Bibbja: il-Bibbja, it-testi epigrafiċi u r-riċerka arkeoloġika.

**Il-Bibbja:** Fiha 475 indikazzjoni ġeografika u hija l-għajn prinċipali għal storja gejoġrafika tal-Palestina fil-perijodu Israelitiku. Id-deskrizzjonijiet u r-rakkonti spiss jirriflettu l-ambjent ġeografiku. Iżda rridu nżommu quddiem għajnejna li l-Bibbja mhijiex ktieb la ta' ġografija u lanqas enċiklopedija imma tikkonċentra li tgħaddi l-esperjenza ta' fidi fl-istorja ta' kuljum tal-poplu l-magħżul li jgħix fl-art tiegħu. Għalhekk insibu aktar dettalji fuq il-postijiet li fihom għex il-poplu (iż-żoni ċentrali – Ġuda u Benjamin -, aktar minn dawk periferiċi – il-Galilija, it-Transġordanja, in-Negeb u ż-żoni kostali). Anke meta l-Bibbja tagħtina xi speċifikazzjonijiet ġeografiċi, irridu nżommu quddiem għajnejna meta u għaliex dawn inkitbu. Irridu nsaqsu lilna nfusna għaliex dawn l-indikazzjonijiet jew listi ġeografiċi ġew magħġuna mar-rakkonti bibliċi u jekk dawn humiex fil-fatt aktar antiki mir-rakkonti nfushom. Irridu nżommu anke quddiem għajnjena il-fatt li jista' jkun li dawn l-indikazzjonijiet u l-listi ġew mqassra jew mtawla jew mfissra skont il-bżonn.

Tlieta huma t-tipi ta' dokumenti ġeografiċi fil-Bibbja:

**Id-deskrizzjonijiet storiko-ġeografiċi:** għandna żewġ eżempji ċari. Il-lista tan-nazzjonijiet li nsibu f'Ġenesi 10, lista li tagħtina deskrizzjoni etnoġeografika tan-nazzjonijiet li magħhom Israel kellu xi relazzjoni u li ssawret biex turi li dawn kollha kienu ġejjin minn missier wieħed. Għandna speċi ta' arblu tar-razza patrijarkali li jmur lura għall-perijodu storiku tas-Saltna magħquda. F'Ġożwe 12 insbu wkoll lista tal-ibliet rjali ta' Kangħan li jissemmew fir-rakkont ta' l-insedjament tal-poplu fl-art imwiegħda. Interessanti hija l-lista tal-bqija tal-art li ma ġietx mirbuħa (Ġożwe



MOSAIC MAP PHOTO AT GREEK ORTHODOX CHURCH OF ST. GEORGE - MADABA - JORDAN

13:1-16) u l-Itinerarju tal-mixja tal-Lhud fid-deżert li nsibu f'Numri 33 li jsemmi diversi postijiet fejn il-poplu seta' waqaf.

**Il-Listi Territorjali Amministrattivi**: l-uniku dokument li huwa frott l-organizazzjoni uffiċjali tas-Saltna insibuh fl-1 Slaten 4:7-19, fejn insibu lista tal-Kummissarji distrettwali ta' żmien Salamun li jixhdu għad-distretti ġeografiċi amministrati mis-Saltna. Insibu wkoll listi oħra li jagħtuna ħjiel ġeografiku meta jitkellmu mil-limiti taż-żoni amministrati u mid-diversi bliet u rħula li kienu parti minn dawn l-istess żoni. Dawn il-listi saru għal amministrazzjoni aħjar u biex jiġi organizzat il-ġbir tat-taxxi. Eżempji nistgħu nsibuhom f'2 Samwel 24:2: 'minn Dan sa Birsaba'; Eżodu 23:31: l-estensjoni ta' l-art imwiegħda; Ġożwe 15:21-62 u 18:25-28 jagħtuna listi ta' bliet u rħula. F'dan il-Ktieb insibu diversi listi ġeografiċi oħrajn. Ta' interess huma l-listi ta' l-ibliet fortifikati: 1 Slaten 9:15-19 u 2 Kronaki 8:1-16 li jitkellmu mill-ibliet ta' żmien Salamun u 2 Kronaki 11:5-12 li titkellem mill-ibliet ta' żmien is-Sultan Reħobogħam.

**Spedizzjonijiet u konkwisti:** dawn ukoll huma testi deskrittivi, miktuba fi żmien ta' gwerra jew anke waqt żmien ta' paċi, li jagħtuna ħjiel ġeografiku. Per eżemju d-deskrizzjoni tal-konkwista ta' Abija f'2 Kronaki 13:19 jew il-kampanja militari ta' Ben-Ħadad, Sultan ta' Aram u Damasku f'1 Slaten 15:20. Fil-Bibbja nsibu anke żewġ eżempji ta' deskrizzjonijiet antiki ta' kampanji militari: spedizzjoni ta' erba' slaten li niżlu mit-tramuntana kontra l-ibliet fil-Wied ta' Siddim (Ġenesi 14) u l-kant rebbieħ ta' Siħon, Sultan ta' l-Amurrin li nsibu f'Numri 21:27-30. Ma nistgħux ninsew l-orakli kontra l-ġnus li nsibu f'diversi testi profetiċi u li jagħtuna wkoll ħjiel ġeografiku, per eżempju Iżaija 10:28-32, Ġeremija 47:1-7 u 49:7-22.

**Dokumenti Epigrafiċi:**
**L-Għejun Eġizzjani** - dawn imorru lura għat-tieni millennju QK u jgħinuna nifhmu 'l-art ta' Kangħan' qabel id-dħul ta' l-Israeliti fl-art. Il-parti l-kbira tal-materjal huwa frott il-perijodu tas-Saltna l-Ġdida u t-tmintax u d-dsatax-il dinastija (XV-XIV u XIII seklu QK). Naqsmu dawn it-testi f'seba' kategoriji:

L-Annali, deskrizzjonijiet ta' spedizzjonijiet militari fis-Sirja u l-Palestina li ġew konservati fil-ħitan tat-tempji jew fl-oqbra ta' uffiċċjali li ħadu sehem fihom.

Bassoriljevi fit-tempji li fihom ġew imnaqqxa r-rebħiet fuq l-ibliet. Ta' min isemmi dawk ta' żmien Seti I (1300 QK) li jagħtu deskrizzjoni tal-fortizzi u l-bjar fit-triq bejn l-Eġittu u l-Palestina.

Listi Topografiċi mnaqqxin u li jagħtuna ħjiel ta' bliet u fortizzi mirbuħa. Klassika hija dik li tmur lura għal żmien Tutmosis III li fija 119-il isem ta' postijiet li rebaħ fil-Palestina wara r-rebħa tiegħu fuq Megiddo. Din il-Lista saret mudell għal dawk li nkitbu warajha.

Papiri Letterarji li ftit minnhom jagħtu wkoll deskrizzjoni ġenerali tal-Palestina. Ta' min isemmi ir-Rakkont ta' Sinuhe (XX seklu QK).

Papiri Amministrattivi: dawn huma ftit u jagħtu ftit xhieda ta' l-amministrazzjoni Eġizzjana fuq l-art ta' Kangħan. Ta' min isemmi lista ta' emmissarji li ġew minn diversi bliet ta' Kangħan (XIV QK) u papiri amministrattivi li jagħtu ħjiel tal-ibliet fuq il-fruntieri ta' l-Eġittu.

Testi ta' Esakrazzjoni: dawn huma kollezzjoni ta' testi li jagħtuna l-ismijiet tal-mexxejja ta' diversi bliet u gruppi etniċi li kienu jgħixu fil-Palestina matul is-Saltna tan-Nofs. L-ismijiet huma mżejna b'saħtiet kontra dawn il-mexxejja.

Arkivji ta' Korrispondenza: ma nistgħux ma nsemmux l-Ittri misjuba f'El-Amarna mnaqqxa fit-tafal u miktuba bl-Akkadiku u li fihom korrispondenza estensiva mas-Slaten f'Kangħan u li




jmorru lura għall-ewwel nofs tas-seklu XIV QK.

**Għejun Mesopotamiċi:** Id-dokumenti Mesopotamiċi li jitkellmu mill-Palestina huma ftit. Nistgħu nitkellmu mid-dokumenti Akkadiċi ta' Mari li jitkellmu minn Ħażor u Lakish fil-Palestina (XVIII QK). *Stelae* u riljevi tas-VII seklu QK isemmu xi ħjiel topografiku, fosthom l-iskrizzjonijiet ta' Tiglet-Pilesar III u Sennakerib.

**Għejun Palestinjani:** It-testi epigrafiċi misjuba fil-Palestina huma ftit u minima hija l-informazzjoni topografika li jagħtuna. Xi testi bl-Akkadiku nstabu f'Taanak, Geżer u Tell el-Ħesi. Ta' min isemmi l-Istela ta' Mexa, Sultan ta' Moab (IX seklu QK), xi *ostraka* (biċċiet tal-fuħħar b'iskrizzjonijiet fuqhom) misjuba fis-Samarija u li jmorru lura għas-seklu VIII QK, siġilli rjali stampati fuq l-manku ta' ġarar tat-tafal misjuba fit-territorju ta' Ġuda u li jsemmu erba' postijiet ġeografiċi.

**Il-Kontribut tal-Arkeoloġija:** Ma nistgħux ma nitkellmux mill-kontribut kbir li tat l-arkeoloġija li f'dan il-kamp ta'studju storiku u ġeografiku hija indispensabbli. Il-fdalijiet arkeoloġiċi huma kollha xhieda storika ta' kulturi antiki li jgħinuna ftit aktar ngħaqqdu t-tagħrif dwar l-art biblika. L-iskavi arkeoloġiċi xjentifiċi jagħtu kontribut kbir biex nifhmu n-natura u l-istorja ta' insedjamenti antiki; nifhmu aħjar l-istrutturi u l-firxa tal-binjiet tal-ibliet u tal-irħula; nifhmu aħjar is-sistema tat-tqassim ta' l-ilma, is-sistemi tad-drenaġġ, il-kultura materjali u r-relazzjonijiet ma' pajjiżi oħra. Dan kollu jiġi bbażat fuq investigazzjoni stratigrafika li tixhed għad-diversi żminijiet ta' insedjament jew ieħor. Ma' dan inżidu l-istudju ta' dak kollu li jinstab (fuħħar, muniti, ħġieġ, iskrizzjonijiet eċċ) u l-istudju tad-dokumenti letterarji li jitkellmu minn dawn l-insedjamenti u l-madwar tagħhom. Meta nitkellmu mill-art biblika rridu ngħidu li saru mijiet ta' skavi arkeoloġiċi fil-postijiet il-kbar u ċentrali ta' l-art u b'hekk għandna stampa ftit jew wisq ċara ta' l-insedjamenti antiki. Is-sejbiet u r-riżultati jitqabblu biex l-istampa tkun aktar ċara u koerenti.

## L-Ambjent Ġenerali tal-Art Imqaddsa

**Pont vitali:** Irridu nifhmu l-istorja ta' din l-art fil-kuntest aktar wiesa' tal-qafas ġeo-politiku tal-Lvant Qarib antik. Din l-art, 350 mil fit-tul, testendi mis-Sinaj fin-nofsinhar sal-muntanji ta' Amanus u Tawrus fit-tramuntana. Il-wisa' ta' 60 mil jitkejjel mill-kosta tal-Mediterran sa tarf id-deżert max-xmara Ġordan. Minkejja ċ-ċokon, din l-art għandha klima diversa, xita mhix nieqsa fix-xhur xitwin, u struttura topografika partikolari. Tagħmel parti

miż-żona abitata ta' dak li ġie msejjaħ, 'In-Nofs Qamar Fertili' (*Fertile Crescent*).

Din iż-żona ġeografika hija mdawra bil-baħar fin-naħa tal-punent, espansjonijiet ta'deżert fiċ-ċentru kif ukoll fin-naħa tan-nofsinhar. Iż-żona fit-tramuntana tal-lvant hija magħrufa bħala Mesopotamja, biż-żewġ xmajjar kbar, it-Tigris u l-Ewfrat. Dawn ix-xmajjar isibu l-għejun tagħhom fl-Armenja u jinżlu lejn il-Golf Persiku, il-limitu fl-ilbiċ tan-Nofs Qamar Fertili.

Il-Palestina tinsab fin-naħa tax-xlokk u hija l-iżgħar u l-ifqar mill-pajjiżi f'din iż-żona ġeografika. Hija importanti għaliex kienet triq prinċipali, pont, bejn it-tieni ċentru l-aktar importanti fiċ-ċivilizzazzjoni antika, l-Eġittu, pajjiż in-Nil u l-pajjiżi l-kbar tan-Nofs Qamar Fertili. Hija l-pont tal-art bejn iż-żewġ kontinenti ta' l-Asja u l-Afrika.

Lejn tmiem ir-raba' u l-bidu tal-ħames millennju Q.K. il-pedamenti taċ-ċivilizzazzjoni umana ġew imqiegħda fiż-żewġ artijiet tax-xmajjar il-kbar, il-Mesopotamja u l-Eġittu. Kien hawnhekk li twieldu l-ewwel saltniet kbar li imponew gvern organizzat u magħqud fuq il-popolazzjonijiet tagħhom. Dawn ġew megħjuna mill-fertilita tal-artijiet tagħhom imsoqqija mix-xmajjar il-kbar li servew ukoll bħala mezz ta' trasport.

Fatturi bħal dawn ma jeżistux fil-Palestina u s-Sirja għaliex il-konfigurazzjoni ġeografika tagħhom aktar tgħin biex taqsam l-art f'distretti iżgħar u mhux dejjem fertili. Dan ma kienx jgħin għall-għaqda. It-tliet xmajjar jinżlu b'mod vertikali: ix-xmara Oronti tinżel lejn it-Tramuntana u l-Litani u l-Ġordan lejn in-nofsinhar. Kien fil-widien tax-xmajjar li żviluppaw l-insedjamenti urbani (ara: Ġenesi 13, 10). Hu għalhekk li s-Sirja u l-Palestina saru artijiet fid-dell tal-qawwiet il-kbar, il-Mesopotamja u l-Eġittu, li kienu jikkunsidrawhom bħala triq ta' kummerċ. Dan ħalla marka storika fuqhom f'dak kollu li għandu x'jaqsam ma' influwenza kulturali, ekonomika u politika; u anke jekk ma setgħux jiżviluppaw b'mod indipendenti, kien



*Xmara Ewfrat*

proprju hawn li żviluppat il-kitba alfabetika u l-fidi monoteistika.

F'dal-kuntest hija interessanti l-Lista tan-Nazzjonijiet li nsibu fil-Ġenesi 10 u fl-1 Kronaki 1;1-23. Hija xhieda ta' x'kienu jaħsbu l-antiki fuq is-sitwazzjoni ġeopolitika tal-Palestina bħala pont u ġabra qasira tal-artijiet u n-nazzjonijiet magħrufa lil Israel, probabbilment fi żmien il-monarkija magħquda, taħt forma ta' arblu tar-razza li jibda minn Noe. Ulied Ġafet li kienu joqogħdu fin-naħa tat-tramuntana u l-majjistral; ulied Ħam fin-nofsinhar, f'relazzjoni ma' l-Eġittu u li kienu joqogħdu anke f'Kangħan, u wlied Sem fil-lvant, popli semitiċi qrib ħafna l-Israeliti

**Bejn il-Baħar u d-Deżert:** Il-klima tal-Palestina hija influwenzata ħafna minħabba l-fatt li tinsab bejn il-baħar u d-deżert, f'żona sub-tropikali, li jwassal għax-xita fix-xitwa u staġun niexef fis-sajf, b'rebbiegħa li hija xi ftit jew wisq qasira. Għall-aħħar ta' Marzu l-irjieħ mix-xlokk (riħ 'ħamsin') iġibu jiem ta' sħana u dan ukoll f'xi jiem ta' April-Mejju u Settembru-Ottubru. Hija l-kosta u l-għoljiet fit-tramuntana li l-aktar li jirċievu l-barka tax-xita, xi kultant b'abbundanza kbira.

Hemm diversi xmajjar żgħar li jinżlu lejn il-wied tal-Ġordan matul is-sena kollha: ix-xmara Ġarmuk, Ġabbok u Wied Ġalud fin-naħa tal-majjistral; l-Arnon u ż-Żered li jinżlu lejn il-Baħar il-Mejjet u x-xmara Ġarkon li tinżel lejn il-Mediterran. Hemm xmajjar żgħar li huma qosra u għandhom ftit ilma, bħax-xmara Kison.

Matul l-istorja l-Baħar Mediterran (il-Baħar 'il-Kbir') ma tantx kellu importanza għall-popolazzjoni u l-ekonomija minħabba n-nuqqas ta' portijiet kbar. Insibu xi portijiet żgħar bħalma kienu dawk ta' Ġoppa, 'Askalon, Dor u Għakku. Ta' importanza ikbar kienu l-portijiet tas-Sirja, partikularment Tir u Sidon.

Id-deżert idawwar il-Palestina min-naħa tal-lvant u tan-nofsinhar, żoni estensivi li fihom kienu jgħammru n-nomadi u tribujiet li kienu jagħmlu pressjoni fuq iż-żoni abitati, bħalma kienu l-Għamalekin, il-Midjanin u l-Ismagħelin. L-awtur bibliku jgħid, per eżempju li kien fi żmien Sawl (1 Samwel 14:48) li l-poplu ġie meħlus minn dawn. Id-deżert, speċjalment min-naħa tan-Negeb fin-nofsinhar u min-naħa tat-Transġordanja, kien qisu bieb miftuħ għall-invażjoni u l-infiltrazzjoni tal-għedewwa tal-poplu.

Il-pressjoni kontinwa ta' nomadi Semiti mid-deżert għamel mod li l-popolazzjoni fil-Palestina dejjem kienet fil-parti l-kbira Semitika. Xhieda ta' dan huma l-ismijiet ġeografiċi. Fi tmien it-tielet u fil-bidu tat-tieni millennju QK, in-Nofs Qamar Fertili mtela bl-Għammurrin. Fi tmien it-tieni millennju QK daħlu l-Għebrej-Għaramin.

Il-baħar u d-deżert ħolqu l-pedamenti ġeoloġiċi tal-Palestina, il-blat u l-ħamrija tagħha. Blat li huwa magħmul minn diversi tipi ta' ġebel franka, iffurmat minn diversi depositi sedimentarji fil-perijodi ġeoloġiċi tardivi. Hija franka li tippermetti li l-ilma jgħaddi sakemm jiġi miżmum u jiġri fuq livell inferjuri ta' blat li ma jħallix l-ilma jgħaddi. Insibu blat tajjeb biex jiġi maqtugħ u jintuża għall-bini u dan jipprovdi riżorsa naturali għal Palestina. Dan it-tip ta' blat, biż-żmien isir ħamrija fertili, li bħalha nsibu fiż-żona ta' l-għoljiet fil-majjistral tal-Palestina u fit-Transġordanja ċentrali. It-tip ta' blat u ħamrija fid-deżert ta' Ġuda, għall-kuntrarju, huwa fqir ħafna, anke jekk fil-widien dan għen biex żviluppaw it-toroq prinċipali bejn l-għoljiet.

Il-widien fil-majjistral tal-Palestina huma mgħottija b'ħamrija fertili li ngarret lejn il-kosta u l-Wied ta' Ġeżrael; b'hekk dawn iż-żoni saru minn fost l-aktar fertili f'din l-art. Il-parti tal-majjistral tal-kosta hija mgħottija bir-ramel li jidħol

anke 4 mili 'l ġewwa mill-kosta. Fit-tramuntana tan-Negeb nsibu speċi ta' trab fin isfar-kannella li ġie msoqqi u kkultivat u maż-żmien ħoloq żona fertili.

L-għoljiet ta' Edom u Mowab huma miksija bi blat ħamrani filwaqt li ż-żona tat-tramuntana tal-Palestina tixhed li kienet żona vulkanika. Fil-fatt, f'Basan (fit-tramuntana tat-Transġordanja) u fiż-żona t'isfel tal-Galilija, il-blat hu vulkaniku, iswed, blat li biż-żmien isir ħamrija fertili b'kulur griż-iswed. Il-perjodu tal-ħidma vulkanika ħalla xhieda tektonika li tatna t-topografija tal-Palestina: il-muntanji għolew u niżlu l-widien, fosthom il-Wied tal-Ġordan, li jibda mill-Bekagħa Libaniża sal-Baħar l-Aħmar.

**Ekonomija Agrarja:** dawn il-karatteristiċi ġeografiċi – id-dimensjonijiet dojoq, it-topografija varjata u l-pożizzjoni tal-art bħala pont bejn iċ-ċentri kulturali l-kbar - sawru l-ekonomija pastorali-agrarja tal-Palestina, komuni għal ħafna pajjiżi fl-anitikita. Fil-Palestina kienet tiġi pprattikata l-biedja naturali, jiġifieri mingħajr l-irrigazzjoni u tiddependi biss fuq ix-xita u n-nida. Dan kien ifisser li xi kultant in-nixfa kienet iġġiegħel lill-popolazzjonijiet tal-Palestina jbatu l-ġuħ u jinżlu l-Eġittu għall-ikel. Dewteronomju 11:10-12 huwa xhieda ta' din it-tip ta' biedja li 'tiddependi' minn Alla: *L-art li dieħel fiha biex teħodha f'idejk m'hijiex bħall-art ta' l-Eġittu, mnejn ħriġtu, fejn kont tiżra' ż-żerriegħa u ssaqqiha b'riġlek, bħal ġnien tal-ħxejjex; l-art li int se tgħaddi għaliha biex teħodha f'idejk hi art miżgħuda bil-muntanji u l-widien; art li tixrob l-ilma tax-xita mis-smewwiet; art li jieħu ħsiebha l-Mulej, Alla tiegħek, b'għajnejh dejjem fuqha mill-ewwel sa l-aħħar tas-sena.* L-istess Ktieb (8:7-8) jitkellem mill-frott partikulari ta' din l-art: *Għaliex il-Mulej Alla tiegħek, se jdaħħlek f'art tajba, art ta' widien ta' ilma, ta' għejun u gliegel, li jferrgħu fil-witat u l-muntanji; art tal-qamħ, tax-xgħir, tad-dwieli, tat-tin, tar-rummien; art taż-żebbuġ, taż-żejt, tal-għasel...* Huwa l-frott partikulari tal-ħidma agrikola tipika tal-karatteristiċi ġeografiċi tal-Palestina, bl-għasel li probabbilment huwa frott it-tamal. Ma' dan inżidu t-trobbija tal-baqar u tan-ngħaġ u l-mogħoż. B'hekk għandna spiss id-deskrizzjoni klassika tal-art imwiegħda bħala *art tnixxi ħalib u għasel.*

Minħabba t-trasport fit-toroq kummerċjali, speċjalment il-*Via Maris* (It-Triq fuq il-Baħar) u l-*Via Regia* (It-Triq tas-Slaten), nafu wkoll li n-nomadi kienu jrabbu l-iġmla li kienu jġorru l-merċa (ara: Ġenesi 37:25). It-trobbija tagħhom kienet għajn ta' ġid għax kienet tkattar it-traffiku kummerċjali. Dan kien komdu meta l-popolazzjonijiet kienet tesporta iż-żejjed tal-frott tal-art, bħal qamħ, żejt, inbid u għasel (ara: 1 Slaten 5, 11; Eżekjel 27:17) u għall-importazzjoni, per eżempju d-drappijiet u l-ħwejjeġ mill-Eġittu (ara: Eżekjel 27:7), l-injam u l-ħut mill-Feniċja (ara: Neħemija 13:16).

Il-Bibbja tagħti ħjiel li fost il-ftit materji primi tal-Palestina kien hemm ukoll il-ħadid u r-ram (Dewteronomju 8, 9). Kien hemm xi minjieri tal-ħadid fit-Transġordanja u fin-nofsinhar tal-Libanu. Instabu wkoll xi minjieri tar-ram fl-Għaraba, bejn il-Baħar il-Mejjet u l-Golf ta' Għakaba. Ftit li xejn insibu miktub fuq l-użu ta' melħ mill-Baħar il-Mejjet u l-informazzjoni fuq is-snajja' mhijiex abbundanti. Spiss kien il-missier li jgħallem u jgħaddi s-sena tiegħu lil ibnu. Għalhekk il-Bibbja ssemmi l-familji tal-fuħħara (1 Kronaki 4, 23), tal-bennejja (4, 14), tan-nissieġa (4, 21) u l-iskribi (2, 55).

## Ġografija Fiżika – Id-Diversi Żoni Ġejografici

Il-Palestina hija maqsuma f'diversi żoni żgħar li huma ħafna differenti minn xulxin. Biżżejjed inġibu quddiem għajnejna, kif sejrin naraw, id-differenza fl-għoli tal-



*Baħar il-Mejjet min-naħa Israeljana*

muntanji u l-baxx taż-żona taħt il-livell tal-Baħar Mediterran. L-istudjużi tal-ġografija biblika, għal raġunijiet fiżiċi u topografiċi, iħobbu jaqsmu din l-art f'erba' strixxi ta' art, mit-tramuntana għan-nofsinhar.

**L-Istrixxa Kostali jew Pjanura tax-Xatt:** Din hija pjanura dejqa fin-naħa tat-tramuntana u aktar wiesgħa fin-naħa tan-nofsinhar. Fuq il-kosta kienet tgħaddi t-Triq tal-Baħar (*Via Maris*). Ma' din it-triq kummerċjali nbnew id-diversi bliet. Din il-pjanura hija fertili ħafna minħabba l-ħamrija miġjuba bix-xita mill-għoljiet u d-diversi għejun ta' l-ilma. Fil-parti tat-tramuntana ta' din l-istrixxa nsibu żewġ katini ta'għoljiet, dawk ta' Ras Ħa-Niqra u dawk tal-Karmelu. Bejniethom il-pjanura ta' Għakku. Din il-pjanura hija marbuta mal-Wied ta' Ġiżragħel fl-ilbiċ permezz ta' strixxa dejqa bejn il-Karmelu u l-għoljiet fin-nofsinhar tal-Galilija. F'nofs din il-pjanura nsibu l-belt ta' Għakku u, illum, ftit aktar 'l isfel, il-belt ta' Ħaifa.

Il-Wied ta' Ġiżragħel jaqsam mill-majjistral għal-lvant l-għoljiet ċentrali tal-art u jgħaqqad iż-żona tax-xatt mal-Wied tal-Ġordan. Huwa wied fertili ħafna u matul l-istorja minnu kienu jgħaddu diversi fergħat tat-Triq tal-Baħar. Fin-naħa tal-majjistral tal-wied kien hemm diversi bliet bħal Meġìddu, Ġoknagħam u Tagħanak. Bejn it-Tabor u Meġìddu ġew miġġielda diversi battalji storiċi.

Minn taħt l-għoljiet tal-Karmelu sa Ġoppa l-pjanura tax-xatt tissejjaħ Saron, żona b'ramel ħamrani li kien magħruf għas-siġar tal-Ballut. L-ibliet inbnew lejn il-lvant, bħal per eżempju 'Afek u Gat-Pedalla u din iż-żona kellha żewġ portijiet żgħar: Dor u Ġoppa.

Fin-naħa tan-nofsinhar tal-pjanura tax-xatt insibu żona msemmija għall-Filistin, poplu li minnu ttieħed l-isem 'Palestina', u li ħakmu din iż-żona fis-seklu XII Q.K. Hawnhekk il-pjanura hija aktar wiesgħa,

b'inqas xita imma biżżejjed għall-kultivazzjoni, almenu saż-żona ta' Gaza. Din il-belt kienet dik ewlenija matul diversi perjodi storiċi. Iktar 'il fuq kien hemm iż-żewġt ibliet ta' 'Asdod u 'Askalon.

Bejn in-nofsinhar tal-pjanura tax-xatt u l-Għoljiet tal-Lhudija hemm żona ta' għoljiet li kienu msemmija għas-siġar taż-żebbuġ u t-tin selvaġġ. Din tissejjaħ Sefela u fiha kien hemm diversi bliet fortizzi bħalma kienu: Ġeżer, Bet-ħoron, Bet-xemex, Timna, Żorah u Lakis.

Fix-xlokk tal-pjanura tax-xatt insibu l-parti tal-majjistral tad-Deżert tan-Negeb. Il-belt prinċipali ta' din iż-żona hija Birsaba.

**L-Għoljiet Ċentrali:** Fl-antikita ħafna minn dawn l-għoljiet kienu mimlija siġar u għelieqi mtarrġa bil-ħitan tas-sejjieħ. Matul l-istorja l-koltivazzjoni tagħhom ġiet abbandunata u ħafna mill-ħamrija tal-wiċċ inġarret bix-xita. Nistgħu naqsmu dawn l-għoljiet ċentrali f'erba' żoni prinċipali: il-Galilija, l-Għolja ta' Efrajm, l-Għoljiet tal-Lhudija u l-Muntanji tan-Negeb.

Fin-naħa tat-tramuntana nsibu ż-żona tal-Galilija, l-ogħla fost dawn l-għoljiet u l-aktar fertili, anke jekk matul l-istorja kienet xi ftit maqtugħa mit-toroq kummerċjali. Hemm il-Galilija tat-Tramuntana li tifforma wesgħa kbira, li saret żona abitata, u aktar 'l isfel ġabra ta' għoljiet bis-siġar. Il-Galilija tan-Nofsinhar fiha bosta għoljiet żgħar u widien wiesa'. F'nofs din iż-żona tispikka l-Għolja tat-Tabor.

Iż-żona tal-Għolja ta' Efrajm hija l-parti ċentrali ta' dawn is-sensiela ta' għoljiet u forsi l-aktar importanti meta niġu biex nitkellmu minn insedjamenti matul l-istorja. L-isem meħud mit-tribù ta' Efrajm, li kien jgħammar fin-naħa tan-nofsinhar ta' din iż-żona. Taħt it-tribù ta' Efrajm għammret it-tribù ta' Benjamin. Fin-naħa tat-tramuntana tal-Għolja ta' Efrajm kienu jgħaddu ħafna toroq kummerċjali u dawn taw lok għall-iżvilupp



*Il-quċċata tat-Tabor*



*It-Tabor (XIX seklu)*

ta' bosta bliet fosthom Sikem, bejn l-Għolja 'Ebal u Garizim, Tirsa, Dotan u Samarija. Sikem hija fil-fatt l-ewwel belt tal-Palestina msemmija f'kampanja militari Eġizzjana u juri kemm dik kienet mibnija f'post strateġiku.

L-Għoljiet tal-Lhudija huma simili ħafna għall-parti tan-nofsinhar tal-Għolja ta' Efrajm. Il-bliet prinċipali mibnija fuq it-toroq li mit-tramuntana kienu jinżlu għan-nofsinhar kienu Ġerusalemm, Betlehem u Ħebron. Iż-żona hija kkultivata bis-siġar taż-żebbuġ u d-dwieli u n-naħa ta' lvant tħares 'l isfel lejn id-Deżert ta' Ġuda, żona ftit li xejn abitata matul l-istorja, neħħi per eżempju l-oasi ta' Għajn-gedi, żona spiss mgħammra bir-ribelli, nies maħruba u eremiti. F'dan il-kuntest wieħed jifhem l-importanza tal-Belt ta' Ġerusalemm. Filwaqt li Ħebron kienet fiċ-ċentru ta' din iż-żona, Ġerusalemm kienet isservi bħala passaġġ lejn it-Transġordanja (minn Ġeżer għal Ġerusalemm lejn Ġeriko u l-Baħar il-Mejjet).

L-aħħar parti ta' din iż-żona nsibuha fin-naħa ta' lvant tan-Negeb. Ħmistax-il mil minn Ħebron wieħed jinżel għaż-żona deżertika tan-Negeb fejn kien hemm il-belt ta' Għarad. Aktar 'l isfel wieħed jinżel fiż-żona deżertika ta' Sin, Faran u s-Sinaj.

**Il-Wied tal-Ġordan:** F'nofs dan il-wied tgħaddi x-xmara Ġordan li tibda minn taħt l-Muntanja tal-Ħermon lejn il-Baħar il-Mejjet, l-aktar post baxx fid-dinja, niżla ta' 1,500 pied. Hawnhekk il-wied jerġa' jitla' għal daqs 750 pied fuq il-livell tal-baħar u jerġa' jinżel lejn xatt il-Baħar l-Aħmar. Il-Wied tal-Ġordan jinqasam f'ħames żoni: Il-Wied ta' Ħule, L-Għadira ta' Ġennesaret, il-Wied tal-Ġordan , il-Baħar il-Mejjet u l-Għaraba.

Il-Wied ta' Ħule jibda fin-naħa tan-nofsinhar tal-Libanu tal-lum u fih hemm il-belt ta' Metulla, il-fruntiera moderna bejn Israel u l-Libanu. Fuq in-

naħa ta' lvant kien hemm Dan, bis-santwarju rjali tagħha, belt msemmija bħala l-fruntiera tat-tramuntana tal-art imwiegħda. Taħt l-Għolja tal-Ħermon insibu l-għejun tax-xmara Ġordan li jinżlu fil-parti ċentrali ta' dan il-wied u kienu jiffurmaw l-Għadira ta' Ħule. Ftit 'il bogħod kien hemm Ħasor, salib it-toroq lejn Damasku.

L-Għadira ta' Ġennesaret hija l-għadira l-aktar magħrufa minħabba l-Ġdid Testment. Twila tlettax-il mil u wiesgħa sebgħa, l-għadira hija mdawra minn widien dojoq. Żona ikkultivata u abitata matul iż-żminijiet b'klima mfittxija. L-Għadira ħadet l-isem ta' Tiberija minħabba l-belt mibnija mit-tetrarka Erodi.

Il-Wied tal-Ġordan huwa twil sebgħin mil, bejn l-Għadira ta' Ġennesaret u l-Baħar il-Mejjet. Ix-xmara tgħaddi mill-fond ta' dan il-wied li huwa fertili fix-xtut tiegħu. Min-naħa tal-majjistral ix-xmara hija msaħħa mix-xmara Ġalud li tinżel mill-Wied ta' Betsan. Wied Fara li kien jinżel minn Tirsa lejn Adam ħoloq triq naturali mill-Għolja ta' Efrajm lejn it-Transġordanja. Minn dan il-post sa Ġeriko, il-Wied tal-Ġordan huwa prattikament deżert. Il-parti ta' lvant fiha diversi xmajjar żgħar, bħal Ġabbok u Ġarmuk li madwarhom inbnew diversi bliet fosthom Pella u Maħanajm.

Il-Baħar il-Mejjet jissejjaħ hekk minħabba l-kontenut kbir ta' melħ, frott in-nuqqas ta' żvog għall-ilma u l-evaporazzjoni. Iż-żona madwar il-Baħar il-Mejjet mhijiex ikkultivata. Dan il-Baħar (fil-fatt hija għadira magħluqa), li jipproduċi minerali li jintużaw kummerċjalment, huwa maqsum fi tnejn minn dak li jissejjaħ 'l-Ilsien', u huwa mdawwar minn għoljiet kbar u widien dojoq li minnhom jinżel l-ilma tax-xita mill-Għoljiet tal-Lhudija. Insibu anke diversi oasi madwaru, per eżempju Għajn-gedi fuq in-naħa tal-majjistral.



*Ir-rebħa tal-Amurrin - Tissot The Conquest of the Amorites*

L- Għaraba hija t-tkomplija tal-Wied tal-Ġordan bejn l-Baħar il-Mejjet u l-Golf ta' 'Elat u l-isem huwa sinonimu mal-kelma 'deżert'. Hija żona deżertika li fiha xi għejun ta' ilma ġieri li joħolqu oasi żgħar. Din iż-żona kienet importanti għal minjieri tar-ram u t-triq kummerċjali li kienet tgħaddi minnha lejn 'Elat u l-port tagħha.

**L-Għoljiet tat-Transġordanja:** In-naħa tal-majjistral ta' dawn l-għoljiet jinżel lejn il-Wied tal-Ġordan filwaqt li n-naħa ta' lvant ftit ftit jitlaqqam fid-Deżert Siro-Għarbi. Hija żona li tintuża aktar għall-mergħa tal-bhejjem u matul l-istorja kienet mgħammra min-nomadi. Ix-xita li tinżel fit-Transġordanja tinżel lejn il-Wied tal-Ġordan mid-diversi xmajjar qosra li hemm li huma x-xmajjar Ġarmuk, Ġabbok, Arnon u Żered. L-Għoljiet 'il hemm mill-Ġordan jinqasmu f'erba' żoni: Basan, Gilgħad, Mowab u 'Edom.

Basan huwa d-distrett tat-tramuntana tat-Transġordanja, 'il fuq mix-xmara Ġarmuk. Hija żona fertili u fil-Bibbja jissemmew 'il-barrin ta' Basan' (Għamos 4:1) biex jindikaw il-prosperità



*Mappa tal-Art Imqaddsa (1320)*

tagħha. Kienet żona dejjem abitata minħabba l-fatt li l-Għolja ta' Ħawran fi lvant serviet bħala linja ta' difiża u protezzjoni.

Iż-żona ta' Gilgħad hija ogħla u fil-lvant kienu nbnew xi bliet fosthom Rabba Għammon (Amman). Iż-żona ta' Gilgħad kienet iċ-ċentru tal-popolazzjoni Israelitika fit-Transġordanja. Mhux l-ewwel darba li s-slaten Israeliti sabu kenn hawnhekk f'mumenti ta' kriżi.

Mowab hija żona maqsuma fi tnejn mix-xmara Arnon u tħares fuq il-Baħar il-Mejjet.

Edom hija l-aħħar żona li tissemma meta jissemmew il-postijiet tal-art tal-Palestina: l-għoljiet ta' din iż-żona, minħabba l-għoli, għandhom xita abbundanti u diversi żoni huma miżgħuda bis-siġar. Minn hemm ġej l-isem Muntanja Segħir ('Muntanja Xagħarija'). Matul l-istorja din iż-żona kellha diversi fortizzi jħarsu l-popolazzjoni tagħha.

Ħafna siltiet fl-Iskrittura jippruvaw li d-divizjoni tal-art f'dawn id-diversi żoni topoġrafiċi kienu magħrufa sewwa lill-ewwel nies li sabu kenn f'din l-art. Kull żona kellha isem ġeografiku magħruf kif jixhdu diversi siltiet qosra fil-Kotba ta' l-Antik Testment. *Duru u itilqu; idħlu fil-muntanji tal-Ammurrin u fl-inħawi tagħhom, fl-Għaraba, fl-għoljiet, fil-witat u fin-Negeb, f'xatt il-baħar, fl-art tal-Kangħanin, u fil-Libanu, sax-xmara l-kbira Ewfrat* (Dewteronomju 1:7); Ġożwe rebaħ l-art kollha – il-muntanji, in-Negeb, is-Sefela, bix-xaqliba tagħhom...rebaħhom minn Kades-barnigħa sa Gaża, u l-art kollha ta' Gosen sa Gibgħon (Ġożwe 10:40 – 41); *U Ġożwe ħa f'idejh din l-art kollha; il-muntanji u n-Negeb kollu, l-art kollha ta' Gosen, is-Sefela u l-Għaraba, il-muntanja ta' Israel u l-witat tiegħu* (11:16) *...fil-muntanji, fis-Sefela, fl-Għaraba, fix-xaqlibiet tagħhom, u fid-deżert u fin-Negeb, l-artijiet tal-Ħittin, tal-Amurrin, tal-Kangħanin, tal-Periżżin, tal-Ħiwwin u tal-Ġebusin (*12:8) *Imbagħad niżlu wlied Ġuda jitqabdu mal-Kangħanin li kienu jgħammru fil-muntanji, fin-Negeb u fis-Sefela* (Imħallfin 1:9). Dan juri li minkejja ċ-ċokon tal-Palestina, din l-art hija għanja fid-differenzi topografiċi. Ftit bogħod minn xulxin insibu żoni differenti ħafna: il-Galilija fertili u mbierka bix-xita u l-Wied tropikali

tal-Ġordan, l-Għoljiet fertili fit-Transġordanja, l-inxif tad-deżert fin-Negeb u d-Deżert selvaġġ ta' Ġuda. L-għoljiet wieqfa u l-qsim ġeografiku naturali għen biex il-popolazzjonijiet li għexu f'din l-art ikollhom storja u kuntest differenti, li mbagħad għamilha impossibbli li jkun hemm għaqda politika u nazzjonali. *Ikompli*

## Xi bibliografija li tista' tgħin għall-approfondiment tal-Ġografija u l-Istorja Biblika


AHARONI YOHANAN, *The Land of the Bible, a Historical Geography*, Burns and Oates, London 1979.

AHARONI YOHANAN - AVI-YONAH MICHAEL, *The Macmillan Bible Atlas. Revised Edition*, Carta, New York - London, 1977.

AHARONI YOHANAN - AVI-YONAH MICHAEL – RAINEY A.F. – SAFRAI Z., *The Carta Bible Atlas*, Carta, Jerusalem 2002.

AVI-YONAH M, *The Holy Land, A Historical Geography from the Persian to the Arab Conquest 536 B.C. to A.D. 640*, Carta, Jerusalem 2002.

NEGEB AVRAHAM (Ed.), *The Archaeological Encyclopedia of the Holy Land, Revised Edition*, Jerusalem 1986.

KASWALDER PIETRO A., *Onomastica Biblica*, (*Studium Biblicum Franciscanum, Collectio Minor* 40), Franciscan Printing Press, Jerusalem 2002.

KASWALDER PIETRO A., *La Terra della Promessa*, (*Studium Biblicum Franciscanum, Collectio Minor* 44), Franciscan Printing Press, Jerusalem 2010.



# "WIKKIEL U SAKRANAZZ" (LQ 7:34 ): IT-TEMA TAL-IKEL FL-EVANĠELJU SKONT SAN LUQA

*Rev Dr Martin Micallef OFMCap*

Waħda mit-temi li San Luqa jirrepeti minn kapitlu għall-ieħor fin-narrativa tal-Evanġelju tiegħu hija dik tal-ikel. Minbarra għaxar ikliet li fihom insibu l-preżenza ta' Ġesù, San Luqa nkluda wkoll bosta referenzi oħra għall-ikel, tema li tkompli wkoll fit-tieni volum li kiteb l-istess awtur, l-Atti tal-Appostli.[1] Għalkemm hemm modi differenti ta' kif nistgħu niġbru jew nikklassifikaw it-temi tal-ikel fl-Evanġelju skont San Luqa, f'dan l-artiklu se nagħtu lista ta' dawn ir-referenzi billi nsegwu n-numru tal-kapitli ta' dan l-Evanġelju.

**Lq 1:15** Fit-tħabbira tat-twelid ta' Ġwanni l-Battista, l-anġlu jinforma lil Żakkarija li dak li kellu jitwieled minn Eliżabetta "ma jkun jixrob ebda inbid jew xorb qawwi."

**Lq 1:53** Fil-*Magnificat*, Marija tfaħħar lil Alla għax xebba' lil dawk li kienu bil-ġuħ: "Mela b'kull ġid lil min hu bil-ġuħ, u l-għonja bagħathom 'il barra b'xejn."[2]

**Lq 2:7** Fit-twelid ta' Ġesù nsibu referenza għall-maxtura, il-post li minnu jieklu l-Annimali biex bħal donnu l-Evanġelista jfakkarna li Ġesù kellu jsir ikel għal dawk li jemmnu fih. "Marija wildet l-ewwel iben tagħha, fisqietu u medditu f'maxtura."[3]

**Lq 2:12** Ir-referenza għall-maxtura nsibuha wkoll bħala parti mill-messaġġ tal-anġlu lir-rgħajja: "Bħala sinjal ikollkom dan: issibu tarbija mfisqija u mimduda f'maxtura."

**Lq 2:16** Il-maxtura tissemma għat-tielet darba hekk kif ir-rgħajja waslu fil-post fejn twieled Ġesù: "Marru mela jgħaġġlu, u sabu 'l Marija u 'l Ġużeppi, bit-tarbija mimduda f'maxtura."

**Lq 2:37** Fl-episodju tal-preżentazzjoni ta' Ġesù fit-Tempju, San Luqa jagħtina deskrizzjoni ta' Anna, bint Fanwel li wara li romlot għaddiet ħajjitha fit-talb u s-sawm, jiġifieri fiċ-ċaħda tal-ikel b'sinjal ta' dipendenza fuq Alla: "Sa ma kellha erbgħa u tmenin sena ma kienet titwarrab qatt mit-Tempju, lejl u nhar taqdi lil Alla fis-sawm u t-talb."[4]

**Lq 3:11** Lil dawk li marru għand Ġwanni l-Battista biex jurihom x'għandhom jagħmlu biex jindmu hu jweġibhom b'referenza għall-ikel b'ġest ta' ġustizzja lejn xulxin: "Min għandu żewġ ilbiesi, jaqsam ma' min ma għandu xejn, u min għandu x'jiekol jagħmel l-istess."

**Lq 3:17** Fil-predikazzjoni ħarxa tiegħu, Ġwanni l-Battista jagħmel użu mix-xbieha tal-midra filwaqt li jsemmi l-qamħ, wieħed mill-prodotti tal-art li minnu jsir il-ħobż: "Il-midra qiegħda f'idu, biex iderri l-qiegħa u jiġbor il-qamħ fil-maħżen tiegħu, imma t-tiben jaħarqu b'nar li ma jintefiex."

**Lq 4:1-4** It-tentazzjonijiet ta' Ġesù fid-deżert jibdew b'nota dwar l-ikel fejn Ġesù juri d-dipendenza tiegħu fuq Alla. "Ġesù mimli bl-Ispirtu s-Santu, raġa' lura mill-Ġordan u l-Ispirtu ħadu fid-deżert. Hemm għal erbgħin jum Ġesù kien imġarrab mix-xitan. Matul dawk il-jiem ma kiel xejn; u mbagħad meta għaddew dawk il-jiem, ħadu l-ġuħ. U x-xitan qallu: 'Jekk inti Bin Alla, għid lil din il-ġebla ssir ħobż.' Wieġbu Ġesù: 'Hemm miktub li 'l-bniedem mhux bil-ħobż biss jgħix.'"[5]



**Lq 4:25-26** Bħala parti mill-ispjega tal-qari meħud mill-Profeta Isaija li Ġesù tenna fis-Sinagoga ta' Nazaret, huwa jinkludi referenza għall-ikel li l-armla ta' Serafta ipprovdit lill-Profeta Elija: "Għax ngħidilkom is-sewwa, kien hemm bosta romol f'Iżrael fi żmien Elija meta s-sema baqa' tliet snin u sitt xhur magħluq u waqa' ġuħ kbir fil-pajjiż kollu. Madankollu għand ħadd

minnhom ma ntbagħat Elija, imma għand waħda armla minn Serafta ta' Sidon."

**Lq 4:39** Wara li Ġesù fejjaq lil omm il-mara ta' Xmun, naqraw kif din qamet "isservi" lil dawk preżenti, kelma li għandha konnotazzjoni mal-ikel fuq l-imwejjed: "Ġesù resaq fuqha, ordna lid-deni, u d-deni ħallieha. U minnufih qamet u bdiet *isservihom* (bil-Grieg: *diakoneo)*."

**Lq 5:1-7** Fl-episodju tal-qabda mirakuluża tal-ħut għandna wkoll referenza għall-ikel, għaliex ix-xogħol ta' Pietru bħala sajjied huma marbut proprju mal-ikel.

**Lq 5:27-32** L-episodju tas-sejħa ta' Levi l-pubblikan jinkludi fih ikla li għaliha Ġesù jiekol mal-pubblikani u l-midinbin, xi ħaġa li skandalizzat lill-Fariżej u l-kittieba.

**Lq 5:33-39** Fil-kwestjoni li ssegwi r-rakkont tas-sejħa ta' Levi l-pubblikan, Ġesù jiġi akkużat li f'kuntrast mad-dixxipli ta' Ġwanni l-Battista u tal-Fariżej li kienu sikwit isumu, id-dixixpli tiegħu kienu "jieklu u jixorbu."

**Lq 6:1-5** Fil-kontroversja li nsibu fil-bidu tal-kapitlu 6, Ġesù jiġi akkużat mill-ġdid mill-Fariżej minħabba li d-dixxiplu tiegħu kienu qed jagħmlu dak li ma jiswiex nhar ta' Sibt. Bi tweġiba, Ġesù jikkwota l-eżempju ta' David li "meta ħadu l-ġuħ, huwa u dawk li kienu miegħu ... daħlu fid-dar ta' Alla u ħa l-ħobż tal-preżenza ta' quddiem il-Mulej, u kiel minnu hu u ta lil dawk li kienu miegħu."[6]



**Lq 6:21.25** Fil-lista tal-Beatitudnijiet, San Luqa jinkludi nota fuq l-ikel: "Henjin intom li għalissa bil-ġuħ, għax għad tkunu mxebbgħin." F'kuntrast ma' dawn il-'henjin' Ġesù jitkellem fuq dawk li jindirizzahom "ħażin għalikom." Hawnhekk ukoll insibu nota marbuta mal-ikel: "Ħażin għalikom intom li għalissa mxebbgħin, għax għad tkunu bil-ġuħ."[7]

**Lq 6:43-46** Ġesù joħloq kuntrast bejn siġra tajba li tagħmel frott tajjeb għall-ikel u siġra ħażina li tagħmel frott ħażin u kif "kull siġra mill-frott tagħha tingħaraf. Ħadd ma jiġbor it-tin mix-xewk, anqas l-għeneb mill-għollieq."

**Lq 7:31-35** Ġesù jikritika lill-għedewwa tiegħu b'kuntrast li jġib bejn Ġwanni l-Battista u bejnu f'rabta mal-ikel: "Għax tassew, ġie Ġwanni l-Battista, la jiekol ħobż u lanqas jixrob inbid, u intom tgħidu li 'għandu fih xitan.' Ġie Bin il-bniedem, jiekol u jixrob, u tgħidu, 'Araw, xi bniedem wikkiel u sakranazz.'"

**Lq 7:36-50** Fl-ikla mogħtija minn Xmun Fariżej li għaliha stieden lil Ġesù, San Luqa jinfurmana li preżenti wkoll kien hemm mara midinba magħrufa li resqet taħsel riġlejn Ġesù bi dmugħha.[8]

**Lq 8:3** San Luqa jagħtina lista ta' nisa li kienu jaqdu (bil-Grieg: *diakoneo)* lil Ġesù u lid-dixxipli minn ġidhom. Il-kelma użata hawn "jaqdu" għandha konnotazzjoni mal-ikel fl-imwejjed.[9]

**Lq 8:11-15** Il-parabbola taż-żerriegħa li waqgħet fuq tipi differenti ta' art tfakkarna f'żerriegħa li tikber u tagħmel il-frott li jittiekel, f'xebh mal-Kelma ta' Alla.

**Lq 8:55** Wara li Ġesù qajjem lit-tifla ta' Ġajru mill-mewt, naqraw kif "hu ordnalhom jagħtuha tiekol."

**Lq 9:3** Meta Ġesù bagħat lid-dixxipli biex ikomplu l-missjoni tiegħu, hu ordnalhom biex ma jiħdux ikel/ħobż magħhom biex jurihom li din il-missjoni kellha tistrieħ biss fuq il-qawwa ta' Alla. "Tieħdu xejn magħkom għat-triq, la ħatar, la ħorġa, la ħobż u lanqas flus, u lanqas ma jkollkom żewġ ilbiesi."

**Lq 9:10-17** Fl-episodju tal-miraklu tat-tkattir tal-ħobż Luqa jaċċertana li dawk li kienu preżenti "kulħadd kiel u xaba' u l-bċejjeċ tal-ħobż li kien fadal ġabruhom fi tnax-il qoffa."

**Lq 10:2** Ġesù jiddeskrivi l-missjoni tad-dixxipli permezz tax-xbieha tal-qamħ li minnu jsir il-ħobż: "Il-ħsad huwa kbir, imma l-ħaddiema ftit. Itolbu mela lil Sid il-ħsad biex jibgħat ħaddiema għall-ħsad tiegħu."

**Lq 10:7-8** Fid-diskors tiegħu dwar il-missjoni tad-dixxipli, Ġesù jitkellem jsemmi l-ikel li d-dixxipli kellhom jieklu bħala ħlas għal dak li kienu qed jagħmlu: "Ibqgħu għand dik il-familja, u kulu u ixorbu milli jkollhom huma, għax il-ħaddiem ħaqqu ħlasu. Toqogħdux idduru minn familja għal oħra. F'kull belt li fiha tmorru u jilqgħukom, kulu dak li jqegħdulkom quddiemkom."

**Lq 10:38-42** Meta Ġesù żar id-dar tal-aħwa Marta u Marija, San Luqa jinfurmana kif Marta baqgħet isservi fix-xogħol tad-dar. Il-kelma użata bil-Grieg fil-v.40 hija *diakoneo* li kif diġà rajna timplika l-qadi tal-imwejjed.[10]



**Lq 11:3** It-talba tal-Missierna li Ġesù għallem lid-dixxipli, tinkludi nota dwar l-ikel: "Ħobżna ta' kuljum, agħtina kuljum." [11]

**Lq 11:5-12** F'waħda mit-tliet parabboli dwar it-talb li nsibu f'San Luqa, naqraw kif Ġesù jitkellem dwar xi ħadd li jkollu ħabib: "li jiġih f'nofs ta' lejl u jgħidlu, 'Ħabib, islifni tliet ħobżiet, għax ġie għandi wieħed ħabib tiegħi mill-vjaġġ u ma għandix x'nagħtih.'" Imbagħad Ġesù jkompli jitkellem fuq it-talb f'rabta mal-ikel meta jfakkar: "Min hu dak il-missier fostkom li jekk ibnu jitolbu ħuta, minflok ħuta jagħtih serp? Inkella jekk jitolbu bajda jagħtih skorpjun?"

**Lq 11:27-29** Mara mill-folla li kienet qed tisma' lil Ġesù tfaħħar lil ommu f'rabta mal-ewwel nutriment li Ġesù rċieva bħal tarbija: "Hieni l-ġuf li ġiebek u s-sider li rdajt!"[12]

**Lq 11:37-54** Waqt li Ġesù kien mistieden għall-ikel minn wieħed mill-Fariżej, Ġesù jikkritika proprju lill-Fariżej preżenti li f'riti marbuta mal-ikel huma kienu lesti li jżommu l-indafa, b'differenza għall-qalb tagħhom li kienet maħmuġa bl-għemil ħażin tagħhom.[13]

**Lq 12:1** Ġesù jerġa' juża xbieha tal-ikel biex jitkellem mill-ipokrisija tal-Fariżej: "Ilqgħu rwieħkom mill-ħmira tal-Fariżej, jiġifieri mill-wiċċ b'ieħor tagħhom."

**Lq 12:16-21** Fil-parabbola ta' dak ir-raġel sinjur iblah li ħaseb li mhu se jmut qatt, Ġesù jagħmel ukoll użu mill-imħażen mimlija bil-qamħ bħala ikel. Quddiem dan il-ġid kbir ir-raġel sinjur iblah jgħid lilu nnifsu: "Mela strieħ, kul, ixrob, ixxala!"

**Lq 12:22-31** Meta Ġesù jitkellem dwar l-inkwiet tal-ħajja, jerġa' jinkludi nota f'rabta mal-ikel: "Għalhekk ngħidilkom, tinkwetawx ruħkom għall-ħajja, x'se tieklu ... Għax il-ħajja aqwa mill-ikel. ... Ħarsu lejn iċ-ċawl; la jiżra' u lanqas jaħsad ... madanakollu Alla jitimgħu. ... Hekk ukoll intom, toqogħdux tfittxu x'se tieklu u x'se tixorbu ..."

**Lq 12:35-38** Il-qadi fuq l-imwejjed f'rabta mal-ikel permezz tal-verb bil-Grieg: *diakoneo*, jagħmel parti mill-parabbola ta' Ġesù li titkellem minn sid li jħalli lil qaddej jistennih u li jirritorna f'siegħa mhux mistennija. "Tassew ngħidilkom li hu jitħażżem, iqegħedhom madwar il-mejda, u jgħaddi quddiemhom iservihom."

**Lq 12:41-48** Fil-parabbola tas-Sid u l-qaddejja, Ġesù joħloq kuntrast bejn il-qaddej tajjeb u dak ħażin. Dan jagħmlu permezz tal-inklużjoni ta' nota dwar l-ikel u x-xorb meta Ġesù jistaqsi: "Min hu dak li s-sid iqiegħdu fuq in-nies tad-dar biex jagħtihom sehemhom f'ħin l-ikel?" Fl-assenza tas-sid, naqraw kif dan il-qaddej ħażin "jaqbad isawwat lill-qaddejja kollha, irġiel u nisa, u jagħtiha għax-xorb u s-sokor."

**Lq 13:6-9** Fil-parabbola tas-siġra tat-tin u l-frott, Ġesù jitkellem mill-frott bħala ikel mistenni minn din is-siġra li naqset milli tagħmel dan.

**Lq 13:18-21** F'żewġ parabboli li bihom Ġesù jispjega x'inhi s-Saltna tas-Smewwiet, huwa jkompli jagħmel użu mill-motif tal-ikel. Fl-ewwel parabbola (vv. 18-19) huwa jitkellem dwar żerriegħa tal-mustarda li tikber f'siġra kbira. Fit-tieni parabbola (vv 20-21) huwa jitkellem mill-ħmira li mara ħalltet mat-dqiq biex tagħmel l-għaġina tal-ikel.

**Lq 13:29** Meta Ġesù jitkellem dwar l-aħħar jiem, huwa jsemmi mejda tal-ikel: "U jiġu nies mil-Lvant u mill-Punent, mit-Tramuntana u min-Nofsinhar, u joqogħdu għall-mejda fis-Saltna ta' Alla."

**Lq 14:7-24** Ġesù jwissi lil dawk preżenti miegħu għal ikla oħra biex meta xi ħadd jorganizza ikla, jistieden lill-aktar persuni fqar u mwarrba mis-soċjetà. [14]

**Lq 14:34-35** Ġesù jxebbah lid-dixxipli mal-melħ, ingridjent li jagħmel id-differenza fil-palat tal-ikel: "Tajjeb iva, il-melħ, imma jekk il-melħ jaqta', biex jerġa' jieħu t-togħma tiegħu? U la għall-art ma jkun jiswa, u lanqas għad-demel; jarmuh barra."

**Lq 15:1-2** Fil-bidu tal-kapitlu 15 San Luqa jippreżentalna l-kritika tal-Fariżej u l-kittieba kontra Ġesù f'rabta mal-ikel għall-fatt li: "Nies midinba jilqa' għandu dan u jiekol magħhom."[15]

**Lq 15:11-32** Fil-parabbola li baqgħet magħrufa bħala tal-Iben il-Ħali, l-ikel għandu rwol importanti. L-ewwel għandna lil iben iż-żgħir li meta telaq minn dar missieru sab ruħu bil-ġuħ filwaqt li "kien jixtieq kieku jimla żaqqu mqar bil-ħarrub li kienu jieklu l-ħnieżer" (v.16). Fir-riflessjoni li jagħmel fih innifsu, huwa jerġa' jsemmi l-ikel: "Kemm lavranti ma' missieri għandhom ħobż bix-xaba', u jien qiegħed hawn immut bil-ġuħ" (v.17). Mal-wasla lura tiegħu f'dar missieru, ġiet mogħtija l-ordni mill-missier: "Ġibu l-għoġol l-imsemmen u oqtluh, ħa nieklu u nagħmlu festa" (v.23). L-għoġol imsemmen, li l-laħam tiegħu huwa tajjeb ħafna għall-ikel, jerġa' jissemma fir-ritorn tal-iben il-kbir meta l-qaddej tad-dar infurmah: "Hawn ħuk, u missierek qatillu l-għoġol l-imsemmen" (v.27). Għat-tielet darba l-għoġol imsemmen li ġie maqtul għall-ikel, jissemma fil-kliem li l-iben il-kbir jindirizza bi protesta kontra missieru: "Imbagħad jiġi dan ibnek, li belgħalek ġidek man-nisa żienja, u lilu toqtollu l-għoġol l-imsemmen!" (v.30).[16]

**Lq 16:19-31** Fil-parabbola ta' Lazzru l-fqir u s-sinjur li nsibuha biss fl-Evanġelju skont San Luqa, hemm referenza oħra għall-ikel. Id-deskrizzjoni tar-raġel sinjur tinkludi li dan "kien ta' kuljum jagħmel ikla mill-aħjar" (v.19). Min-naħa l-oħra, Lazzru jissemma wkoll f'rabta mal-ikel imma f'kuntrast mar-raġel sinjur. Lazzru "kien jinxteħet ħdejn il-bieb ta' daru (tas-sinjur) bix-xewqa li jixba' b'dak li kien jaqa' mill-mejda tal-għani" (vv 20-21).[17]

**Lq 17:7-10** F'parabbola li tikkuntrasta dik li nsibu rakkuntata f'12:35-38, il-parabbola tas-Sid u l-qaddej tinkludi referenza oħra għall-ikla. Ġesù hawnhekk jitkellem minn qaddej li meta jidħol lura mix-xogħol, Sidu mhux se jistiednu għall-ikel. Minflok is-Sid jgħid lill-qaddej tiegħu: "Lestili x'niekol, ilbes il-fardal u newwilli sa ma niekol u nixrob jien, u mbagħad tiekol u tixrob int."

**Lq 18:12** Fil-parabbola tal-Fariżew u l-pubblikan li marru fit-Tempju biex jitolbu, il-kliem tal-Fariżew jinkludi fih nota dwar l-ikel jew aħjar nuqqas ta' ikel: "Jiena nsum darbtejn fil-ġimgħa u nħallas l-għexur ta' kulma ndaħħal."

**Lq 19:7** Fl-episodju ta' Żakkew naqraw kif in-nies jibdew igergru għal Ġesù "u jgħidu li għand wieħed midneb daħal jistrieħ," b'referenza għall-ikla li Żakkew nissoponu li organizza għal Ġesù meta laqgħu f'daru bħalma jagħmlu l-persuni fl-Orjent meta jistiednu lil xi ħadd fid-dar bħala ġest ta' unur.[18]

**Lq 20:9-18** Fil-parabbola li biha Ġesù jfisser l-istorja tas-Salvazzjoni li sabet il-milja tagħha fl-Iben tal-Missier meta dan ġie maqtul, jissemma ħafna l-frott u allura l-ikel, li sid l-għalqa kien jistenna mill-qaddejja li kienu jaħdmulu.

**Lq 20:46** Fil-kritika li Ġesù jgħaddi kontra l-Fariżej, huwa jiddeskrivihom f'rabta mal-ikel bħala dawk li "jħobbu t-tislim fil-pjazez u s-siġġijiet ta' quddiem fis-sinagogi u l-postijiet ewlenin fil-pranzijiet."

**Lq 21:34** Fit-twissija li Ġesù jagħti lid-dixxipli, jinkludi dik kontra l-ikel żejjed: "Oqogħdu attenti, u qisu li l-ikel u x-xorb żejjed u s-sokor ma jmewtulkomx qalbkom."

**Lq 22:1-38** Ir-rakkont tal-aħħar ċena huwa intenzjonat biex jiġbor fih ir-referenzi kollha għall-ikliet li jinkludi San Luqa fir-rakkont tal-Evanġelju. Din id-darba iżda l-ikla ta' Ġesù għandha rabta speċjali mal-Ewkaristija fejn l-ikel u x-xorb tassew isir l-istess Ġisem u Demm ta' Kristu.[19]

**Lq 23:43** Fir-rakkont tal-passjoni naqraw li Ġesù, li s'issa rajnih jipprovdi l-ikel lil min hu bil-ġuħ, iressqulu "nbid qares" biex jixorbu (v.36) filwaqt li lill-ħalliel it-tajjeb jwiegħdu "Tassew ngħidlek, illum tkun fil-Ġenna miegħi" (v.43). Għalkemm l-ikel ma jissemmiex hawnhekk, madanakollu l-kelma "Ġenna" (bil-Grieg: *paradeiso*) tfakkarna fis-siġra tal-ħajja li minnha Adam u Eva ma setgħux jieklu.[20]

**Lq 24:28-35** Fl-episodju tad-dixxipli ta' Għemmaws niltaqgħu ma' Kristu Rxoxt li jidħol fid-dar ta' dawn iż-żewġ dixxipli "u waqt li kien fuq il-mejda magħhom, qabad il-ħobż, qal il-barka, qasmu u tahulhom" (v.30).[21]

**Lq 24:41-43** Fid-dehra ta' Kristu Rxoxt lid-dixxipli, huwa juża l-ikel bħala prova li kien ħaj tassew meta qalilhom: "Għandkom xi ħaġa tal-ikel hawn?' Huma ressqulu quddiemu biċċa ħuta mixwija, u hu ħadha u kielha quddiemhom."

Bħala konklużjoni nistgħu ngħidu li f'dawn is-siltiet kollha li semmejna f'rabta mal-ikel, San Luqa juża vokabularju differenti sabiex jesprimi din it-tema tal-ikel. Hekk, pereżempju, f'Lq 9:12 huwa juża kliem bħal "xi ħaġa (tal-ikel)" - bil-Grieg: *epistimos*; f'9:13 id-dixxipli jitkellmu "mill-ikel" (bil-Grieg: *bromata*) li kienu mistiedna jagħtu lin-nies; f'12:23 Ġesù jsemmi "l-ikel" (bil-Grieg: *trophes*) meta jgħid li "il-ħajja hija aqwa mill-ikel"; f'12:42 jissemma l-ħin tal-ikel u s-"sehem tal-ikel" (bil-Grieg: *sitometrion)*; f'24:41 jissemma "l-ikel" (bil-Grieg: *brosimos*) li Kristu Rxoxt talab lid-dixxipli.

## Referenzi


1 Dwar ir-rabta taż-żewġ volumi miktubin minn San Luqa ara M.C. Parsons u R.I. Pervo, Rethinking the Unity of Luke and Acts (Minneapolis: Fortress, 1993).

2 Fuq dan il-punt li jispikka fit-teoloġija ta' San Luqa, ara A. Valentini, Il Magnificat. Genere letterario, struttura esegesi (Bologna: EDB, 1987).

3 Dwar ir-rabta tal-maxtura mal-ikel ara Raymond E. Brown, The Birth of the Messiah: A Commentary on the Infancy Narratives in Matthew and Luke (Garden City: Doubleday, 1977) 420. Ara wkoll, Raymond E. Brown, "The Meaning of the Manger: The Significance of the Shepherds," Worship 50 (1976): 528-538.

4 Ara T. Stramare, "La presentazione di Gesu al tempio (Lc 2,22-40). Eventi e parole intrinsicamente connessi," Bibbia e Oriente 25 (1983): 63-71.

5 Fuq in-nozzjoni tas-sawm f'rabta ma' dan l-episodju ara Joseph F. Wimmer, Fasting in the New Testament: A Study in Biblical Theology. Theological Inquiries (New York: Paulist, 1982).

6 Għal tagħrif ieħor dwar din il-kontroversarja ara A.J. Hultgren, "The Function of the Sabbath Pericope in Mark 2:23-28," Journal of Biblical Literature 91 (1972): 38-43.

7 Ara M. McKenna, Blessings and Woes: The Beatitudes and the Sermon on the Plain in the Gospel of Luke (Maryknoll, NY: Orbis Books, 1999).

8 Ara D.A.S. Ravens, "The Setting of Luke's Account of the Anointing: Luke 7:2-8:3," New Testament Studies 34 (1988): 282-292.

9 Ara Luke Timothy Johnson, The Gospel of Luke. Sacra Pagina 3 (Collegeville, Minnesota: The Liturgical Press, 1991), 131.

10 Ara Eugene LaVerdiere, New Testament in the Life of the Church: Evangelization, Catechetics, Prayer, Homelitics (Notre Dame: Ave Maria, 1980), 100-106.

11 Fuq ir-rabta tal-ikel ma' din it-talba ara Peter Edmonds, "The Lucan Our Father: A Summary of Luke's Teaching on Prayer?" Expository Times 91 (1980): 140-143.

12 Għal tagħrif ieħor dwar Marija omm Ġesù bħala mudell tad-dixxipulat ara, Patrick J. Bearsley, "Mary the Perfect Disciple: A Paradigm for Mariology," Theological Studies 41 (1980): 461-504.

13 Għall-kritika ta' Ġesù waqt l-ikliet li għalihom kien mistieden minn xi Fariżej ara, H.P. Heil, The Meal Scenes in Luke-Acts:

An Audience-Oriented Approach (Atlanta: Society of Biblical Literature, 1999).

14 Ara W. Braun, Feasting and Social Rhetoric in Luke 14, SNTS 85 (Cambridge: Cambridge University Press, 1987).

15 Ara G. Corti, Amico dei peccatori. Amicizia e perdono nel Vangelo di Luca (Milano: Paoline, 2004).

16 Ara Martin Micallef, "L-Iben il-Ħali jew il-Missier il-Ħali? Studju fuq il-Parabbola ta' 'L-Iben il-Ħali' (Lq 15:11-32)," Knisja 2000 no.48 (Jannar-Marzu 1999): 48-68.

17 Ara E.W. Bullinger, The Rich Man and Lazarus: The Intermediate State (New Berlin: Grace, 1992).

18 Ara J. O'Hanlon, "The Story of Zaccheus and the Lucan Ethic," Journal for the Study of the New Testament 12 (1981):2-26.

19 Ara x-xogħol klassiku ta' Joachim Jeremias, The Eucharistic Words of Jesus (New York: Schriber's, 1966).

20 Ara Pilchan Lee, The New Jerusalem in the Book of Revelation, WUNT 129 (Tubingen: Mohr Siebeck, 2001), 304-305.

21 Ara Arthur Just Jr, The Ongoing Feast: Table Fellowship and Eschatology at Emmaus (Pueblo, Collegeville, MN: Liturgical, 1993).

Ġedded l-Abbonament tiegħek

# L-ART Imqaddsa

RIVISTA BIBLIKA

# Tiġdid L-Art Imqaddsa 2021




## ABBONAMENT:

€10 fis-sena

€15 jew aktar Sostenitur

Toħroġ kull 3 xhur

**Kummissarjat tal-Art Imqaddsa**
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

*Jekk irċevejt ir-Rivista b'xejn għaliex ġejt l-Art Imqaddsa mal-Franġiskani, ħallas l-abbonament biex tkompli tirċiviha.*

Kunjom ____________________

Isem ____________________

Indirizz ____________________

____________________

____________________

Kodiċi Postali ____________________

Qed nibgħat € ___________
bħal abbonament għall-2021



**Ikteb jew ċempel:**
**Kummissarjat tal-Art Imqaddsa**

8, Triq Santa Luċija,
Valletta VLT 1213, Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt